Gwida Prattika

Dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli

fl-Unjoni Ewropea (UE),
fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)
u fl-Isvizzera

European Commission
Employment, Social Affairs and Equal Opportunities
Social Europe

Dikjarazzjoni:

Din il-gwida prattika tħejjiet u ġiet aċċettata mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali.
Din il-Gwida hija maħsuba biex tipprovdi strument ta' ħidma biex jassisti lill-istituzzjonijiet, lil dawk li jħaddmu u liċ-ċittadini fil-qasam tad-determinazzjoni ta' liema leġiżlazzjoni tal-Istat Membru għandha tapplika f'ċirkostanzi partikolari. Ma tixhidx il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Amministrattiva hija magħmula minn rappreżentanti tal-Istati Membri. In-Norveġja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u l-Iżvizzera jipparteċipaw bħala osservaturi. Il-Kummissjoni Amministrattiva hija responsabbli biex tindirizza kwistjonijiet amministrattivi, mistoqsijiet ta' interpretazzjoni li jqumu mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, u għall-promozzjoni u l-iżvilupp tal-kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea tieħu sehem ukoll fil-laqgħat u tipprovdi s-Segretarjat tagħha.

Werrej

INTRODUZZJONI 2

Għaliex neħtieġu din il-gwida? 2

Ir-regoli mal-ewwel daqqa t'għajn 2

L-EWWEL PARTI I: L-ISTAZZJONAR TAL-ĦADDIEMA 2

1. Liema hija s-sistema tas-sigurtà soċjali applikabbli għall-impjegati li jintbagħtu biex jaħdmu b'mod temporanju fi Stat Membru ieħor? 2

2. Kif inhu definit l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-leġiżlazzjoni komunitarja speċifika? 2

3. Liema kriterji japplikaw sabiex jiġi ddeterminat jekk min iħaddem normalment iwettaqx l-attivitajiet tiegħu fl-Istat 'li jistazzjona'? 2

4. Meta huwa possibbli li wieħed jitkellem dwar relazzjoni diretta bejn l-impriża li tistazzjona l-ħaddiema u l-ħaddiem stazzjonat? 2

5. X'jiġri meta ħaddiema jiġu rreklutati fi Stat Membru wieħed sabiex jintbagħtu fi Stat Membru ieħor? 2

6. X'jiġri jekk ħaddiem jiġi stazzjonat biex jaħdem f'diversi impriżi? 2

7. Jeżistu xi sitwazzjonijiet fejn ikun assolutament impossibbli li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema? 2

8. X'jiġri meta persuni li jaħdmu għal rashom jaħdmu b'mod temporanju fi Stat Membru ieħor? 2

9. Liema huma l-kriterji li japplikaw sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna normalment taħdimx għal rasha fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament? 2

10. Xi tfisser attività 'simili'? 2

11. Liema proċeduri għandhom jiġu segwiti f'każ ta' stazzjonar? 2

12. Ftehimiet dwar l-eċċezzjonijiet għal-leġiżlazzjoni li tirregola l-istazzjonar tal-ħaddiema 2

13. Ladarba jiġi fi tmiemu l-istazzjonar, meta tista' persuna tapplika għal stazzjonar ieħor? 2

14. X'inhi l-pożizzjoni fir-rigward tal-każijiet ta' stazzjonar diġà awtorizzati u mibdija skont ir-regolament 1408/71? Dawn il-perjodi jgħoddu għall-perjodu ta' 24 xahar permess skont ir-regolament 883/2004? 2

15. Sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-istazzjonar 2

16. Notifika tal-bidliet li jseħħu matul il-perjodu tal-istazzjonar 2

17. L-għoti ta' informazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità 2

PARTI II: TWETTIQ TA' ATTIVITÀ F'ŻEWĠ STATI MEMBRI JEW AKTAR 2

1. Liema sistema ta' sigurtà soċjali hija applikabbli għal persuni li normalment jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew aktar? 2

2. Persuna meta għandha titqies li qed twettaq normalment attività f'żewġ Stati Membri jew aktar? 2

3. Kif inhi definita attività sostanzjali? 2

4a. Kif tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina wara t-28 ta' Ġunju 2012? 2

5. Fuq liema perjodu għandha tkun ivvalutata attività sostanzjali? 2

6. X'għandu jiġri meta rosters tax-xogħol jew mudelli tax-xogħol ikunu soġġetti għal bidla? 2

7. Kif jiġu ddeterminati l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali? 2

8. Xi proċeduri għandhom ikunu segwiti minn persuna fl-eventwalità li huwa/hija qed taħdem f'żewġ Stati Membri jew aktar? 2

9. X'jiġri fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom li normalment jaħdmu għal rashom f'żewġ Stati Membri jew aktar? 2

10. Persuna, meta tista' titqies li normalment qed twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar? 2

11. Kif hija definita parti sostanzjali ta' attività ta' persuna li taħdem għal rasha? 2

12. Xi proċeduri għandhom ikunu segwiti minn persuna li taħdem għal rasha fl-eventwalità li hija taħdem f'żewġ Stati Membri jew aktar? 2

13. Xi kriterji japplikaw fid-determinazzjoni ta' fejn huwa lokalizzat iċ-ċentru tal-interess? 2

14. X'inhi s-sitwazzjoni fir-rigward ta' persuna li hija kemm impjegata kif ukoll taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti? 2

PARTI III: DETERMINAZZJONI TA' RESIDENZA 2

1. F'liema każijiet ir-"residenza" ta' persuna għandha rwol skont ir-Regolament 883/2004? 2

2. Kif inhuwa ddefinit it-terminu "residenza"? 2

3. Kriterji għad-determinazzjoni tal-post ta' residenza 2

Xi eżempji dwar kif id-determinazzjoni tal-post ta' residenza tista' tkun diffiċli 2

4.1. Ħaddiem tal-fruntiera 2

4.2. Ħaddiema staġjonali 2

4.3. Ħaddiema stazzjonati (A) 2

Social Europe

4.4. Ħaddiema stazzjonati (B) 2
4.5. Studenti (A) 2
4.6. Studenti (B) 2
4.7. Pensjonanti (A) 2
4.8. Pensionanti (B) 2
4.9. Persuni mhux attivi, b'mobbiltà għolja (A) 2
4.10. Persuni mhux attivi, b'mobbiltà għolja (B) 2

PARTI IV: DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI 2

4. Hemm xi arranġamenti speċjali fis-seħħ għal persuna li taħdem f'aktar minn Stat Membru wieħed fejn il-leġiżlazzjoni applikabbli diġà ġiet deċiża skont ir-Regolament 1408/71, jew skont ir-Regolament 883/2004 qabel it-28 ta' Ġunju 2012? 2

5. Mil-liema data se tibda tapplika l-leġiżlazzjoni applikabbli f'każ ta' persuna, soġġetta għal arranġamenti tranżitorji, li titlob sabiex tiġi vvalutata skont ir-regoli l-ġodda tar-Regolament 883/2004? 2

Introduzzjoni

Għaliex neħtieġu din il-gwida?

L-Artikolu 76 tar-Regolament 883/2004[1] jitlob lill-Istati Membri[2] biex jikkomunikaw ma' xulxin u jippromwovu l-iskambju tal-esperjenzi u l-aqwa prattika amministrattiva sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni uniformi tal-liġi komunitarja. Dan il-prinċipju huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-iskambju tal-informazzjoni b'mod effiċjenti bejn l-istituzzjonijiet u l-obbligu taċ-ċittadini u dawk li jħaddmu li jipprovdu informazzjoni preċiża u f'waqtha.

Din il-Gwida hija maħsuba biex tipprovdi, fid-diversi livelli prattiċi u amministrattivi involuti fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet komunitarji speċifiċi, strument ta' xogħol validu biex jassisti lill-istituzzjonijiet, lil dawk li jħaddmu u liċ-ċittadini fil-qasam tad-determinazzjoni ta' liema leġiżlazzjoni tal-Istat Membru għandha tapplika f'ċirkostanzi partikolari.

Ir-regoli mal-ewwel daqqa t'għajn

Il-prinċipju ta' gwida huwa li l-persuni li għalihom japplikaw ir-Regolamenti huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss [3]. Fil-każ ta' persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom, normalment tapplika l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn issir l-attività. Dan il-prinċipju jissejjaħ *lex loci laboris*. Persuni li jirċievu ċerti benefiċċji ta' flus għal żmien qasir fuq il-bażi tal-impjieg jew ix-xogħol tagħhom għal

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-PE u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 166, 30.4.2004, p.1, corrigendum ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) Nru 465/2012, ĠU L 149, 8.6.2012, p.4 (li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ: ir-Regolament 883/2004 u r-Regolament 465/2012).
[2] Fit-test li ġej, it-terminu "Stat Membru" jirreferi wkoll għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE u l-Isvizzera.
[3] L-Artikolu 11 (1) tar-Regolament 883/2004.

rashom huma soġġetti wkoll għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-attività. Kwalunkwe persuna oħra hija soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tar-residenza (lex domicilii).

Madankollu, f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi ħafna, kriterji oħrajn għajr il-post attwali tal-impjieg huma ġġustifikati. Dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu l-istazzjonar ta' ħaddiema lejn Stat Membru ieħor għal perjodu temporanju u każijiet fejn persuna taħdem f'żewġ Stati Membri jew aktar u ċerti kategoriji ta' ħaddiema bħall-impjegati taċ-ċivil.

Id-determinazzjoni tar-"residenza" hija ta' importanza b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni mhux attivi u fil-każ ta' xogħol imwettaq f'żewġ Stati Membri jew aktar.

Ir-regoli li jiddeterminaw liema leġiżlazzjoni tal-Istat Membru għandha tapplika huma stabbiliti fl-Artikoli 11 – 16 tar-Regolament 883/2004 u d-dispożizzjonijiet implimentattivi relatati huma stabbiliti fl-Artikoli 14 - 21 tar-Regolament 987/2009[4] (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala r-Regolamenti). Dawn ir-regoli huma interpretati wkoll mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali (li minn hawn 'il quddiem tissejjaħ il-Kummissjoni Amministrattiva) fid-Deċiżjoni Nru A2[5].

Din il-Gwida hija maqsuma f'erba' partijiet:

- L-ewwel parti tittratta l-Istazzjonar tal-ħaddiema
- It-tieni parti tittratta l-eżerċizzju ta' attività f'żewġ Stati Membri jew aktar
- It-tielet parti tittratta d-determinazzjoni tar-residenza
- Ir-raba' parti tittratta d-dispożizzjonijiet tranżitorji

L-ewwel parti I: L-istazzjonar tal-ħaddiema

1. Liema hija s-sistema tas-sigurtà soċjali applikabbli għall-impjegati li jintbagħtu biex jaħdmu b'mod temporanju fi Stat Membru ieħor?

Xi drabi, min iħaddem fi Stat Membru wieħed ("l-Istat li jistazzjona") ikun irid jibgħat impjegat biex jaħdem fi Stat Membru ieħor ("l-Istat tal-impjieg")[6]. Dawn l-impjegati huma magħrufa bħala *ħaddiema stazzjonati*.

Skont ir-regoli tal-Komunità, il-ħaddiema li jiċċaqilqu fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu soġġetti għal leġiżlazzjoni waħda dwar is-sigurtà soċjali[7]. Skont ir-Regolamenti, l-iskema tas-sigurtà soċjali applikabbli għal dawk li għal raġunijiet ta' xogħol jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor hija, bħala regola ġenerali, dik stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-impjieg ġdid.

Sabiex jingħata kemm jista' jkun inkoraġġiment għall-moviment ħieles tal-ħaddiema u s-servizzi, u sabiex jiġu evitati komplikazzjonijiet amministrattivi u ta' xorta oħra bla bżonn u bi prezz għoli, li ma jkunx fl-interessi tal-ħaddiema, tal-kumpaniji u tal-

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-PE u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) Nru 465/2012, ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4 (li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ: ir-Regolament 987/2009).

[5] Id-Deċiżjoni Nru A2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jaħdmu temporanjament barra l-Istat kompetenti, ĠU C 106, 24.4.2010, p. 5 (li minn hawn 'il quddiem ser tissejjaħ: Id-Deċiżjoni Amministrattiva tal-Kummissjoni A2).

[6] "L-Istat tal-impjieg" huwa l-Istat fejn tmur il-persuna biex teżerċita attività bħala persuna impjegata (jew taħdem għal rasha) kif definit fl-Artikolu 1(a) u 1(b) tar-Regolament 883/2004.

[7] Artikolu 11 (1) tar-Regolament 883/2004.

amministrazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet komunitarji fis-seħħ jippermettu ċerti eċċezzjonijiet għall-prinċipju ġenerali msemmi fuq.

L-eċċezzjoni ewlenija hija l-ħtieġa li l-ħaddiem jibqa' assoċjat mas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li fih normalment topera l-impriża li timpjegah (l-Istat li jistazzjona), kull meta l-ħaddiem ikkonċernat jintbagħat minn dik l-impriża lejn Stat Membru ieħor (l-Istat tal-impjieg) għal perjodu ta' żmien li mill-bidu nett ikun limitat (massimu ta' 24 xahar), u diment li jkomplu japplikaw ċerti kondizzjonijiet, li jiġu diskussi f'aktar dettall hawn taħt.

Dawn is-sitwazzjonijiet – li jagħtu eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-Istat tal-impjieg – magħrufa aħjar bħala **l-istazzjonar tal-ħaddiema,** huma rregolati mill-Artikolu 12 tar-Regolament 883/2004.

Ir-regoli, li jkopru kemm lill-persuni impjegati kif ukoll lil dawk li jaħdmu għal rashom, huma deskritti hawn taħt.

2. Kif inhu definit l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-leġiżlazzjoni komunitarja speċifika?

Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament imsemmija hawn fuq, persuna li taħdem bħala persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru f'isem min iħaddem **li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu f'dak l-Istat,** li tintbagħat minn min iħaddem fi Stat Membru ieħor biex twettaq xogħol hemmhekk **għal min iħaddem,** tkompli tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament bil-kondizzjoni li:

- it-tul ta' żmien antiċipat għal dak ix-xogħol ma jaqbiżx l-24 xahar, *u*
- il-persuna ma tintbagħatx biex tieħu post persuna oħra stazzjonata**.**

L-arranġamenti tal-istazzjonar tal-ħaddiema huma maħsuba biex jagħmluha aktar faċli għal dawk li jħaddmu (u l-ħaddiema) li jkollhom bżonn nies biex jaħdmu fuq bażi temporanja f'pajjiż ieħor. Għaldaqstant, dawn ma jistgħux jintużaw biex jiġu pprovduti l-ħaddiema għall-intrapriżi jew għal kuntratti fuq bażi kontinwa permezz ta' stazzjonar ripetut ta' ħaddiema differenti għall-istess pożizzjonijiet u għall-istess għanijiet.

Għalhekk, minbarra n-natura temporanja tal-istazzjonar u l-fatt li dan mhuwiex iddisinjat biex ħaddiem jiġi stazzjonat sabiex jieħu post ħaddiem ieħor, hemm diversi punti importanti li wieħed għandu jinnota fir-rigward ta' din ir-regola speċjali.

L-ewwel nett, min iħaddem għandu **normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu** fl-Istat li jistazzjona. Barra minn hekk, ir-regola li l-ħaddiem 'jeżerċita attività f'isem min iħaddem' tfisser li matul il-perjodu tal-istazzjonar għandu jkun hemm **relazzjoni diretta** bejn min iħaddem f'post ieħor u l-ħaddiem stazzjonat.

3. Liema kriterji japplikaw sabiex jiġi ddeterminat jekk min iħaddem normalment iwettaqx l-attivitajiet tiegħu fl-Istat 'li jistazzjona'?

L-espressjoni "li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu hemmhekk" tfisser impriża li b'mod regolari twettaq **attivitajiet sostanzjali** fit-territorju tal-Istat Membru fejn hija stabbilita. Jekk l-attivitajiet tal-impriża jkunu limitati għall-ġestjoni interna, l-impriża ma titqisx bħala waħda li normalment twettaq l-attivitajiet tagħha f'dak l-Istat Membru. Fid-determinazzjoni ta' jekk impriża twettaqx attivitajiet sostanzjali, għandhom jiġu kkunsidrati l-kriterji kollha li jikkaratterizzaw l-attivitajiet imwettqa mill-impriża

Social Europe

kkonċernata. Il-kriterji għandhom ikunu adatti għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull impriża u n-natura reali tal-attivitajiet imwettqa.

L-eżistenza ta' attivitajiet sostanzjali fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament tista' tiġi ċċekkjata permezz ta' serje ta' fatturi oġġettivi u l-punti li ġejjin huma ta' importanza partikolari. **Ta' min jinnota li din mhijiex lista eżawrjenti, billi l-kriterji għandhom jiġu adatti għal kull każ speċifiku u għandha tiġi kkunsidrata n-natura tal-attivitajiet imwettqa mill-impriża fl-Istat fejn hija stabbilita. Jista' jkun meħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati kriterji oħrajn adatti għall-karatteristiċi speċifiċi tal-impriża u n-natura reali tal-attivitajiet tal-impriża fl-Istat fejn hija stabbilita:**

- il-post fejn l-impriża li toffri perjodu ta' xogħol f'post ieħor ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha u l-amministrazzjoni tagħha;
- in-numru ta' persunal fl-amministrazzjoni tal-impriża li tistazzjona li tinsab fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament u fl-Istat tal-impjieg – il-preżenza ta' ħaddiema amministrattivi biss fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament teskludi, *per se,* lill-impriża mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istazzjonar tal-ħaddiema;
- il-post tar-reklutaġġ tal-ħaddiema stazzjonati;
- il-post fejn jiġu konklużi l-maġġoranza tal-kuntratti mal-klijenti
- il-liġi applikabbli għall-kuntratti ffirmati mill-impriża li tistazzjona mal-klijenti u l-ħaddiema tagħha;
- in-numru ta' kuntratti magħmula fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament u fl-Istat tal-impjieg;
- il-fatturat tal-impriża li tistazzjona fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament u fl-Istat tal-impjieg matul perjodu tipiku xieraq (eż. fatturat ta' madwar 25% tal-fatturat totali fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament jista' jkun indikatur suffiċjenti, iżda l-każijiet fejn il-fatturat huwa taħt il-25% ikunu jirrikjedu skrutinju akbar)[8].
- it-tul ta' żmien li impriża tkun ilha stabbilita fl-Istat Membru li jistazzjona.

Fl-evalwazzjoni tal-attività sostanzjali fl-Istat li Jistazzjona, huwa meħtieġ ukoll li l-istituzzjonijiet jiċċekkjaw li min iħaddem li jkun qiegħed jitlob l-istazzjonar huwa min iħaddem proprju lill-ħaddiema involuti. Dan ikun importanti b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn min iħaddem ikun qiegħed juża taħlita ta' persunal permanenti u persunal ta' aġenzija.

Eżempju:

> Kumpanija A mill-Istat Membru X għandha ordni biex tagħmel xogħol ta' żebgħa fl-Istat Membru Y. Ix-xogħol mistenni jieħu xahrejn biex jitlesta. Flimkien ma' seba' membri tal-persunal permanenti tagħha, il-kumpanija A teħtieġ tliet ħaddiema temporanji oħra mill-aġenzija B li tipprovdi ħaddiema għal xogħol temporanju biex jintbagħtu fl-Istat Membru Y; dawn il-ħaddiema temporanji diġà kienu qegħdin jaħdmu fil-kumpanija A. Il-kumpanija A titlob lill-aġenzija tax-xogħol B biex tibgħat dawn it-tliet ħaddiema temporanji fl-Istat Membru Y flimkien mas-seba' ħaddiema tagħha.
>
> Sakemm jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet l-oħrajn kollha tal-istazzjonar, il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru X tkompli tapplika għall-ħaddiema temporanji tal-aġenzija – l-istess bħall-membri tal-persunal permanenti. L-aġenzija B li tipprovdi ħaddiema għal xogħol temporanju hija, ovvjament, dik li qiegħda tħaddem lill-ħaddiema temporanji.

[8] Fil-prinċipju, il-fatturat jista' jiġi evalwat fuq il-bażi tal-kontijiet ippubblikati tal-impriża għall-aħħar 12-il xahar. Madankollu, fil-każ ta' impriża li tkun għadha kif ġiet stabbilita, il-fatturat minn meta tibda n-negozju (jew perjodu iqsar, jekk dan ikun aktar rappreżentattiv tan-negozju tagħha) ikun aktar xieraq.

4. Meta huwa possibbli li wieħed jitkellem dwar relazzjoni diretta bejn l-impriża li tistazzjona l-ħaddiema u l-ħaddiem stazzjonat?

Numru ta' prinċipji ewlenin mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet u mill-każistika u l-prattika ta' kuljum tal-Komunità li jirregolaw meta teżisti **relazzjoni diretta** bejn l-impriża li tistazzjona u l-ħaddiem stazzjonat. Dawn jinkludu dawn li ġejjin:

- responsabbiltà għar-reklutaġġ;
- għandu jkun evidenti li l-kuntratt kien u għadu applikabbli matul il-perjodu tal-istazzjonar għall-partijiet involuti fit-tfassil tiegħu u jirriżulta min-negozjati li wasslu għar-reklutaġġ;
- is-setgħa li ttemm il-kuntratt ta' impjieg (tkeċċija) għandha tibqa' esklussivament f'idejn l-impriża li tistazzjona;
- l-impriża li tistazzjona għandha żżomm is-setgħa li tiddetermina n-"natura" tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiem stazzjonat, mhux f'termini ta' definizzjoni tad-dettalji tat-tip ta' xogħol li jrid isir u l-mod kif għandu jsir, iżda f'termini aktar ġenerali sabiex jiġi ddeterminat il-prodott finali ta' dak ix-xogħol jew is-servizz bażiku li għandu jiġi pprovdut;
- l-obbligu fir-rigward tar-rimunerazzjoni tal-ħaddiem huwa tal-impriża li tkun ikkonkludiet il-kuntratt ta' impjieg. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ftehimiet possibbli bejn min iħaddem fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament u l-impriża fl-Istat tal-impjieg fuq il-mod li bih isiru l-ħlasijiet attwali lill-impjegat;
- is-setgħa li tiġi imposta azzjoni dixxiplinarja fuq l-impjegat tibqa' f'idejn l-impriża li tistazzjona.

Xi eżempji:

a) Kumpanija A bbażata fl-Istat Membru A tibgħat ħaddiem b'mod temporanju barra l-pajjiż biex jagħmel xogħol fil-kumpanija B li tinsab fl-Istat Membru B. Il-ħaddiem ikompli bil-kuntratt tiegħu mal-kumpanija A biss, li huwa intitolat li jitlob rimunerazzjoni mingħandha.

   Soluzzjoni: Il-kumpanija A hija dik li timpjega lill-ħaddiem stazzjonat billi t-talba tal-ħaddiem għar-rimunerazzjoni hija indirizzata lill-kumpanija A biss. Dan huwa minnu anki jekk il-kumpanija B tirrifondi parti mir-rimunerazzjoni jew ir-rimunerazzjoni kollha lill-kumpanija A wara li tnaqqasha bħala spejjeż operattivi mit-taxxa fl-Istat Membru B.

b) Kumpanija A bbażata fl-Istat Membru A tibgħat ħaddiem b'mod temporanju barra l-pajjiż biex jagħmel xogħol fil-kumpanija B li tinsab fl-Istat Membru B. Il-ħaddiem ikompli bil-kuntratt tiegħu mal-kumpanija A. It-talbiet korrispondenti tiegħu għar-rimunerazzjoni huma indirizzati wkoll lill-impriża A. Madankollu, il-ħaddiem jikkonkludi kuntratt ta' impjieg addizzjonali mal-kumpanija B u jirċievi rimunerazzjoni wkoll mill-kumpanija B.

   Soluzzjoni a): Matul l-impjieg tiegħu fl-Istat Membru B il-ħaddiem għandu żewġ entitajiet li jħaddmuh. Meta jaħdem esklussivament fl-Istat Membru B, tapplika għalih il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru B skont l-Artikolu 11 (3) (a) tar-Regolament 883/2004. Dan jimplika li r-rimunerazzjoni mħallsa mill-kumpanija A tittieħed f'kunsiderazzjoni sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jridu jitħallsu fl-Istat Membru B.

   Soluzzjoni b): Jekk minn żmien għal żmien il-ħaddiem jaħdem ukoll fl-Istat Membru A, għandhom jintużaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 (1) tar-

Regolament 883/2004 sabiex jiġi vvalutat jekk hijiex applikabbli l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru A jew dik tal-Istat Membru B.

c) Kumpanija A bbażata fl-Istat Membru A tibgħat ħaddiem b'mod temporanju barra l-pajjiż biex jagħmel xogħol fil-kumpanija B li tinsab fl-Istat Membru B. Il-kuntratt ta' impjieg mal-kumpanija A jiġi sospiż għall-perjodu tal-attività tal-ħaddiem fl-Istat Membru B. Il-ħaddiem jikkonkludi kuntratt ta' impjieg mal-kumpanija B għall-perjodu tal-attività tiegħu fl-Istat Membru B u jitlob ir-rimunerazzjoni tiegħu mingħand dik il-kumpanija. Soluzzjoni: Dan mhuwiex każ ta' stazzjonar, minħabba li relazzjoni tax-xogħol sospiża ma tinkludix biżżejjed rabtiet tal-liġi tax-xogħol sabiex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni kontinwa tal-leġiżlazzjoni tal-Istat li jistazzjona. Skont l-Artikolu 11 (3) (a) tar-Regolament 883/2004, il-ħaddiem huwa soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru B.

Jekk, fil-prinċipju, tapplika l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru B, jista' jintlaħaq qbil fuq eċċezzjoni fiż-żewġ każijiet (eżempji 2 u 3) skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru. 883/2004 billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-fatt li l-impjieg fl-Istat Membru B huwa ta' natura temporanja, bil-kondizzjoni li tali eċċezzjoni tkun fl-interess tal-ħaddiem u ssir applikazzjoni għal dan il-għan. Ftehim bħal dan jeħtieġ l-approvazzjoni taż-żewġ Stati Membri involuti.

5. X'jiġri meta ħaddiema jiġu rreklutati fi Stat Membru wieħed sabiex jintbagħtu fi Stat Membru ieħor?

Ir-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema jistgħu jinkludu persuna li tiġi rreklutata bil-għan li tintbagħat taħdem fi Stat Membru ieħor. Madankollu, ir-Regolamenti jirrikjedu li persuna li tiġi stazzjonata biex taħdem fi Stat Membru ieħor tkun assoċjata mas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit min iħaddimha immedjatament qabel il-bidu tal-impjieg tagħha[9]. Perjodu ta' mill-inqas **xahar** jista' jitqies bħala li jissodisfa dan ir-rekwiżit, filwaqt li perjodi iqsar jirrikjedu evalwazzjoni ta' każ b'każ fejn jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi kollha involuti[10]. Impjieg ma' kull min iħaddem fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament jissodisfa dan ir-rekwiżit. Mhux meħtieġ li matul dan il-perjodu l-persuna tkun ħadmet ma' min iħaddimha u li jkun talab għall-istazzjonar tagħha. Il-kondizzjoni tiġi ssodisfatta wkoll minn studenti jew pensjonanti jew min ikun assigurat minħabba r-residenza tiegħu u f'rabta mal-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament .

Il-kondizzjonijiet normali kollha li japplikaw għall-istazzjonar tal-ħaddiema b'mod ġenerali, japplikaw ukoll għal dawn il-ħaddiema.

Hawn taħt sejrin jingħataw xi eżempji li jikkjarifikaw xi jfisser it-terminu f'rabta mal-iskema tas-sigurtà soċjali "immedjatament qabel" il-bidu tal-impjieg f'każijiet partikolari:

a) Fl-1 ta' Ġunju, min iħaddem A bbażat fl-Istat Membru A jistazzjona, fost l-oħrajn, lill-ħaddiema X, Y u Z biex imorru jaħdmu fl-Istat Membru B f'isem min iħaddem A għal perjodu ta' għaxar xhur.

b) Il-ħaddiem X beda l-impjieg tiegħu ma' min iħaddem A fl-1 ta' Ġunju. Immedjatament qabel beda l-impjieg tiegħu huwa kien qiegħed jgħix fl-

[9] Artikolu 14 (1) tar-Regolament 987/2009.
[10] Deċiżjoni A2 tal-Kummissjoni Amministrattiva.

Istat Membru A u kien soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru A minħabba li attenda kors fl-università.

c) Il-ħaddiema Y ukoll bdiet l-impjieg tagħha fl-1 ta' Ġunju. Għexet fl-Istat Membru A immedjatament qabel bdiet l-impjieg tagħha; kienet ħaddiema tal-fruntiera u b'hekk kienet soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru Ċ.

d) Il-ħaddiem Z, li wkoll beda l-impjieg tiegħu mal-impjegatur A fl-1 ta' Ġunju, kien ilu jaħdem fl-Istat Membru A mill-1 ta' Mejju. B'riżultat ta' dan l-impjieg, huwa kien soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru A. Madankollu, immedjatament qabel l-1 ta' Mejju, il-ħaddiem Z kien soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru B għal għaxar snin bħala riżultat tar-relazzjoni tax-xogħol.

Soluzzjoni: Wieħed mir-rekwiżiti għall-applikazzjoni kontinwa tal-leġiżlazzjoni tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament huwa li l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament kellha tapplika għall-ħaddiem immedjatament qabel l-istazzjonar tiegħu. Iżda mhuwiex meħtieġ li l-ħaddiem ikun impjegat fl-impriża li toffri perjodu ta' xogħol f'post ieħor immedjatament qabel l-istazzjonar tiegħu. Il-ħaddiema X u Z kienu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru A immedjatament qabel l-1 ta' Ġunju u għalhekk jissodisfaw il-ħtieġa għall-applikazzjoni kontinwa tal-leġiżlazzjoni tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament f'dan ir-rigward. Madankollu, il-ħaddiem Y kien soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru Ċ immedjatament qabel l-1 ta' Ġunju. Billi huwa ma kienx soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament immedjatament qabel l-istazzjonar tiegħu, fil-prinċipju huwa sejjer ikun soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru B, fejn huwa fil-fatt jaħdem.

6. X'jiġri jekk ħaddiem jiġi stazzjonat biex jaħdem f'diversi impriżi?

Il-fatt li persuna stazzjonata tagħmel xogħol, suċċessivament jew matul l-istess perjodu, f'diversi impriżi li jinsabu fl-istess Stat Membru tal-impjieg ma jeskludix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istazzjonar. L-element essenzjali u deċiżiv f'dan il-każ huwa li x-xogħol għandu jkompli jsir f'isem l-impriża li tistazzjona. Konsegwentement, huwa dejjem meħtieġ li matul il-perjodu tal-istazzjonar jiġu ċċekkjati l-eżistenza u l-kontinwazzjoni tar-relazzjoni diretta bejn il-ħaddiem stazzjonat u l-impriża li tistazzjona.

L-istazzjonar fi Stati Membri differenti immedjatament wara xulxin għandu f'kull każ jagħti lok għal stazzjonar ġdid skont it-tifsira tal-Artikolu 12 (1). Id-dispożizzjonijiet tal-istazzjonar ma japplikawx f'każijiet fejn persuna normalment tiġi impjegata b'mod simultanju fi Stati Membri differenti. Tali arranġamenti għandhom jiġu kkunsidrati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku.

7. Jeżistu xi sitwazzjonijiet fejn ikun assolutament impossibbli li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema?

Hemm numru ta' sitwazzjonijiet fejn ir-regoli tal-Komunità jeskludu, *a priori,* l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar.

B'mod partikolari, meta:

- l-impriża li magħha ġie stazzjonat il-ħaddiem tpoġġih għad-dispożizzjoni ta' impriża oħra fl-Istat Membru fejn tinsab;
- l-impriża li magħha ġie stazzjonat il-ħaddiem tpoġġih għad-dispożizzjoni ta' impriża li tinsab fi Stat Membru ieħor;
- il-ħaddiem jiġi rreklutat fi Stat Membru biex jintbagħat minn impriża li tinsab fi Stat Membru ieħor biex jaħdem f'impriża fi Stat Membru terz mingħajr ma jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti li l-ħaddiem ikun f'rabta minn qabel mas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament ;
- il-ħaddiem jiġi rreklutat fi Stat Membru minn impriża li tinsab fi Stat Membru ieħor sabiex jaħdem fl-ewwel Stat Membru;
- il-ħaddiem jiġi stazzjonat biex jieħu post persuna oħra stazzjonata;
- il-ħaddiem ikkonkluda kuntratt ta' impjieg mal-impriża li magħha huwa stazzjonat.

F'dawn il-każijiet, ir-raġunijiet li wasslu għall-esklużjoni stretta tal-applikabbiltà tal-istazzjonar huma ċari: il-kumplessità tar-relazzjonijiet li jirriżultaw minn uħud minn dawn is-sitwazzjonijiet, kif ukoll li ma tiġi offruta ebda garanzija għall-eżistenza ta' **relazzjoni diretta** bejn il-ħaddiem u l-impriża li tistazzjona, jikkuntrastaw b'mod evidenti mal-għan li jiġu evitati komplikazzjonijiet amministrattivi u l-frammentazzjoni tal-istorja tal-assigurazzjoni attwali, li huwa *r-raison d'être* tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istazzjonar. Jeħtieġ ukoll li jiġi evitat l-użu ħażin tad-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, ikun possibbli li persuna li diġà tkun ġiet istazzjonata tiġi sostitwita, diment li ma jkunx ġie kkompletat il-perjodu permess għall-istazzjonar. Bħala eżempju fejn jista' jseħħ dan nistgħu nsemmu sitwazzjoni fejn ħaddiem ikun ġie stazzjonat għal 20 xahar, marad serjament wara 10 xhur u kellu bżonn jiġi sostitwit. F'dik is-sitwazzjoni, ikun raġonevoli li jingħata permess biex tiġi stazzjonata persuna oħra għall-10 xhur li jkun fadal mill-perjodu miftiehem.

Il-projbizzjoni fuq is-sostituzzjoni ta' persuna stazzjonata minn persuna stazzjonata oħra trid titqies mhux biss mill-perspettiva tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament iżda anki mill-perspettiva tal-Istat li jirċievi. Il-ħaddiem stazzjonat ma jistax jittiħidlu postu minnufih fl-Istat Membru li jirċievi A minn ħaddiem stazzjonat mill-istess impriża tal-Istat Membru B minn fejn isir l-istazzjonament , u lanqas minn ħaddiem stazzjonat minn impriża differenti bbażata fl-Istat Membru B jew ħaddiem stazzjonat minn impriża bbażata fl-Istat Membru Ċ.

Mill-perspettiva tal-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru minn fejn isir l-istazzjonament , il-kundizzjonijiet tal-istazzjonar jistgħu jidhru li huma ssodisfatti meta jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet tal-istazzjonar. Madankollu, jekk attività fl-impriża li tirċievi tal-Istat Membru A qabel kienet imwettqa minn ħaddiem stazzjonat mill-Istat Membru B minn fejn isir l-istazzjonament , dan il-ħaddiem ma jistax jittiħidlu postu minnufih minn ħaddiem stazzjonat ġdid minn kwalunkwe Stat Membru. Irrispettivament minn liema impriża ikun ġej il-ħaddiem stazzjonat il-ġdid jew minn liema Stat Membru minn fejn isir l-istazzjonament – ħaddiem stazzjonat ma jistax jittiħidlu postu minnufih minn ħaddiem stazzjonat ieħor.

<u>Eżempju (kuntratt qafas mhux limitat):</u>

X hija aġenzija tal-impjiegi li tispeċjalizza fil-forniment ta' biċċiera biex jaħdmu fin-negozju tal-qtugħ tal-laħam fl-Istat Membru A. L-aġenzija X tikkonkludi kuntratt mal-biċċerija Y fl-Istat Membru B: X tibgħat lill-impjegati sabiex iqattgħu l-laħam hemm. Ir-rimunerazzjoni (mill-biċċerija Y lill-impjegatur X) għal dak is-servizz titħallas skont it-tunnellati ta' laħam imqatta'. Ix-xogħol imwettaq mill-impjegati stazzjonati differenti mhux dejjem ikun eżatt l-istess, iżda fil-prinċipju kull ħaddiem stazzjonat jista' jiġi stazzjonat fi kwalunkwe pożizzjoni fil-proċess ta' tqattigħ tal-laħam. Normalment, kull

Social Europe

impjegat jiġi stazzjonat għal perjodu ta' 10 xhur. Il-kuntratt bejn l-impjegatur X u l-biċċerija Y huwa kuntratt qafas li jippermetti lil Y titlob biċċiera għal perjodi sussegwenti (eż. għal kull sena); iżda dan il-kuntratt qafas mhuwiex limitat fiż-żmien minnu nnifsu. Barra minn hekk, hemm ukoll l-impjegatur Z, stabbilit fl-Istat Membru Ċ, li jibgħat lill-ħaddiema tiegħu fil-biċċerija Y. Wara ċertu żmien, analiżi turi li l-attività ta' tqattigħ tal-laħam fil-biċċerija Y kien ilu jitwettaq snin sħaħ, b'mod esklużiv u mingħajr interruzzjoni, minn ħaddiema stazzjonati mill-impjegaturi X u Z.

Dan huwa eżempju ta' sostituzzjoni mhux awtorizzata ta' ħaddiem stazzjonat b'ħaddiem stazzjonat ieħor. Id-Dokument portabbli A1 għandu jiġi rtirat mill-istituzzjoni emittenti u l-ħaddiem għandu jkun soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-impjieg mid-data li fiha l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament tkun ġiet innotifikata u pprovduta b'evidenza tas-sitwazzjoni fl-Istat tal-impjieg. F'każ ta' sitwazzjonijiet ta' frodi, l-irtirar jista' jseħħ ukoll b'mod retroattiv.

Meta ħaddiem stazzjonat jiġi sostitwit minnufih minn ħaddiem stazzjonat ieħor il-ħaddiem stazzjonat il-ġdid għandu jkun soġġett għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istat tal-impjieg mill-bidu tal-attività tiegħu għaliex l-eċċezzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament 883/2004 ma għadhiex tapplika iktar għalih.

8. X'jiġri meta persuni li jaħdmu għal rashom jaħdmu b'mod temporanju fi Stat Membru ieħor?

Xi drabi, persuna li normalment taħdem għal rasha fi Stat Membru ("l-Istat minn fejn isir l-istazzjonament") tkun trid tmur taħdem b'mod temporanju fi Stat Membru ieħor ("l-Istat tal-impjieg").

Bħalma huwa l-każ għall-impjegati stazzjonati, jistgħu jinħolqu diffikultajiet amministrattivi u konfużjoni jekk persuna li taħdem għal rasha u li tmur taħdem b'mod temporanju fi Stat Membru ieħor issir soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-impjieg. Barra minn hekk, il-persuna li taħdem għal rasha tista' titlef il-benefiċċji li tkun intitolata għalihom.

Għalhekk, ir-Regolamenti jipprovdu regola speċjali għall-persuni impjegati għal rashom li jmorru jaħdmu b'mod temporanju fi Stat Membru ieħor, li tixbah – iżda mhijiex identika għal – ir-regola applikabbli għall-impjegati stazzjonati.

Din ir-regola tistabbilixxi li persuna **normalment impjegata għal rasha fl-Istat Membru minn fejn isir l-istazzjonament** u li tkun qiegħda tagħmel attività **simili** fl-Istat Membru li qiegħed iħaddem tkompli tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament diment li ż-żmien antiċipat għal dak ix-xogħol ma jaqbiżx il-perjodu ta' 24 xahar[11].

9. Liema huma l-kriterji li japplikaw sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna normalment taħdimx għal rasha fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament?

Ir-Regolamenti jistabbilixxu li persuna "li normalment twettaq attività bħala persuna impjegata għal rasha" tfisser persuna li abitwalment twettaq attivitajiet sostanzjali fit-territorju tal-Istat Membru fejn hija stabbilita. B'mod partikolari, dan japplika għal persuna li

[11] Artikolu 12.2 tar-Regolament 883/2004

- tkun wettqet l-attività tagħha bħala li taħdem għal rasha għal xi żmien qabel id-data meta hija tmur taħdem fi Stat Membru ieħor, u
- tissodisfa kwalunkwe rekwiżiti meħtieġa għan-negozju tagħha fl-Istat Membru fejn hija stabbilita u tkompli żżomm hemmhekk il-mezzi li jippermettulha teżerċita l-attività tagħha meta tirritorna lura.

Meta jrid jiġi ddeterminat jekk persuna normalment taħdimx għal rasha fl-Istat Membru minn fejn isir l-istazzjonament, huwa importanti li jiġu eżaminati l-kriterji msemmija hawn fuq. Dan jista' tinvolvi l-valutazzjoni ta' jekk il-persuna;

- għandhiex uffiċċju fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament;
- tħallasx taxxi fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament;
- għandhiex numru tal-VAT fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament;
- hijiex irreġistrata ma' kmamar tal-kummerċ jew korpi professjonali fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament;
- għandhiex karta professjonali fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament.

Ir-Regolamenti jitolbu li persuna li taħdem għal rasha li tkun tixtieq tapprofitta ruħha mill-arranġamenti tal-istazzjonar "għandha tkun diġà wettqet l-attività tagħha għal xi żmien" qabel id-data tal-istazzjonar. F'dan ir-rigward, perjodu ta' xahrejn jista' jitqies bħala li jissodisfa dan ir-rekwiżit, filwaqt li perjodi iqsar jirrikjedu evalwazzjoni ta' każ b'każ[12].

10. Xi tfisser attività 'simili'?

Meta jrid jiġi ddeterminat jekk persuna hijiex sejra fi Stat Membru ieħor biex twettaq attività "simili" għal dik imwettqa fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament, għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni n-natura proprja tal-attività. Mhuwiex importanti kif inhi kkategorizzata din it-tip ta' attività fl-Istat tal-impjieg, jiġifieri jekk hijiex ikklassifikata bħala impjieg jew bħala impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol huwiex "simili", ix-xogħol li l-persuna tistabbilixxi li sejra tagħmel għandu jiġi ddeterminat minn qabel, qabel it-tluq mill-Istat minn fejn isir l-istazzjonament. Il-persuna li taħdem għal rasha għandha tkun kapaċi tipprova dan, pereżempju billi tipproduċi kuntratti rigward ix-xogħol.

B'mod ġenerali, attività indipendenti ta' persuna li taħdem għal rasha fl-istess settur titqies bħala t-twettiq ta' attività simili. Madankollu, għandu jiġi rikonoxxut li anki fi ħdan is-setturi, ix-xogħol jista' jkun differenti ħafna u mhux dejjem jista' jkun possibbli li tiġi applikata din ir-regola ġenerali.

Eżempji:

a) A hija persuna li normalment taħdem bħala mastrudaxxa għal rasha fl-Istat X u li marret fl-Istat Y fejn għandha impjieg għal rasha bħala bejjiegħa tal-laħam. Din il-persuna ma titqisx bħala li qiegħda twettaq "attività simili" minħabba li l-impjieg fl-Istat Y ma għandu ebda similarità għax-xogħol tagħha fl-Istat X.

B hija persuna li tmexxi kumpanija tal-kostruzzjoni fl-Istat X u taċċetta kummissjonijiet relatati mal-installazzjoni ta' sistemi ta' pajpijiet u wajers. B ffirmat kuntratt fl-Istat Y

[12] Deċiżjoni A2 tal-Kummissjoni Amministrattiva

Social Europe

għax-xogħlijiet li jikkonsistu fl-installazzjoni tas-sistema ta' wajers u t-tiswija tal-pedamenti tal-bini.

b) B tista' tieħu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) minħabba li hija għandha l-ħsieb li tmur fl-Istat Y biex tibda attività simili, jiġifieri, attività fi ħdan l-istess settur (il-kostruzzjoni).

c) Ċ hija persuna li twettaq attivitajiet bħala persuna impjegata għal rasha fl-Istat X, li jikkonsistu fl-għoti ta' servizzi ta' trasport. Ċ marret temporanjament fl-Istat Y biex twettaq l-impenji ta' kuntratt fl-installazzjoni tas-sistema tal-wajers u t-tiswija tal-pedamenti tal-bini. Minħabba l-fatt li l-attività mwettqa fl-Istat Y hija differenti mill-attività mwettqa fl-Istat X (setturi differenti: X – trasport, Y – kostruzzjoni), Ċ ma tistax tieħu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament bażiku.

d) D huwa avukat li jaħdem għal rasu u li jispeċjalizza fil-liġi kriminali fl-Istat X. Huwa rnexxilu jikseb biċċa xogħol fl-Istat Y li tikkonċerna l-għoti ta' konsulenza lil impriża kbira dwar it-tmexxija korporattiva. Filwaqt li l-qasam li qiegħed jaħdem fih huwa differenti, madankollu, huwa xorta għadu attiv fil-qasam legali u għalhekk jista' japprofitta ruħu mid-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar.

11. Liema proċeduri għandhom jiġu segwiti f'każ ta' stazzjonar?

Impriża li tistazzjona ħaddiem biex imur jaħdem fi Stat Membru ieħor, jew fil-każ ta' persuna impjegata għal rasha, il-persuna nnifisha, għandha tikkuntattja lill-istituzzjoni kompetenti fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament u, kull meta jkun possibbli, dan għandu jsir qabel l-istazzjonar.

L-istituzzjoni kompetenti fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed l-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni li għandha tapplika għad-dispożizzjoni tal-istituzzjoni fl-Istat tal-impjieg. L-istituzzjoni kompetenti fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament għandha tinforma wkoll lill-persuna kkonċernata, u lil min ikun qiegħed iħaddimha f'każ ta' persuna impjegata, dwar il-kondizzjonijiet li bihom jistgħu jkomplu jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tagħha u l-possibbiltà li jkomplu jsiru kontrolli matul il-perjodu tal-istazzjonar sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfatti dawn il-kondizzjonijiet.

Meta persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha tintbagħat biex taħdem fi Stat Membru ieħor, hija jew min iħaddimha, għandhom jiġu pprovduti bl-attestazzjoni A1 (dik li qabel kienet iċ-ċertifikat E 101) mill-istituzzjoni kompetenti. Din l-attestazzjoni tiċċertifika li l-ħaddiem jaqa' taħt ir-regola speċjali għall-ħaddiema stazzjonati sa data speċifika. Hija għandha tindika wkoll, fejn ikun xieraq, taħt liema kondizzjonijiet il-ħaddiem jaqa' fi ħdan ir-regoli speċjali għall-ħaddiema stazzjonati.

12. Ftehimiet dwar l-eċċezzjonijiet għal-leġiżlazzjoni li tirregola l-istazzjonar tal-ħaddiema

Ir-Regolamenti jistabbilixxu li perjodu ta' stazzjonar ma għandux ikun itwal minn 24 xahar.

Madankollu, l-Artikolu 16 tar-Regolament 883/2004 jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew aktar biex jilħqu ftehimiet li jipprovdu eċċezzjonijiet għar-regoli li jirregolaw il-leġiżlazzjoni applikabbli, inklużi *r-regoli speċjali* li jirregolaw l-istazzjonar deskritt diġà aktar 'il fuq. Il-ftehimiet tal-Artikolu 16 jirrikjedu l-

kunsens tal-istituzzjonijiet taż-żewġ Stati Membri involuti u jistgħu jintużaw biss fl-interessi ta' persuna jew kategorija ta' persuni. Għaldaqstant, filwaqt li tabilħaqq tista' tirriżulta konvenjenza amministrattiva minn ftehimiet bejn l-Istati Membri, dan ma jistax ikun l-uniku fattur motivanti fi ftehimiet bħal dawn, meta l-interessi tal-persuna jew persuni kkonċernati għandhom ikunu l-fokus primarju fi kwalunkwe kunsiderazzjoni.

Pereżempju, jekk ikun magħruf li t-tul ta' żmien antiċipat ta' stazzjonar għal ħaddiem sejjer ikun ta' aktar minn 24 xahar, għandu jintlaħaq ftehim skont l-Artikolu 16 bejn l-Istat minn fejn isir l-istazzjonament u l-Istat/i tal-impjieg jekk ħaddiem irid jibqa' soġġett għal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament. Il-ftehimiet skont l-Artikolu 16 jistgħu jintużaw ukoll biex jippermettu l-istazzjonar retrospettivament meta dan ikun fl-interess tal-ħaddiem ikkonċernat, pereżempju fejn kienet applikata l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru żbaljat. Madankollu, ir-retrospezzjoni għandha tintuża biss f'każijiet eċċezzjonali ħafna.

Meta jkun jista' jiġi previst (jew ikun jidher ċar wara li jkun diġà beda l-perjodu tal-istazzjonar) li l-attività tkun sejra tieħu aktar minn 24 xahar, min iħaddem jew il-persuna kkonċernata għandha tissottometti, mingħajr dewmien, talba lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li l-persuna kkonċernata tkun tixtieq li għaliha tibda tapplika l-leġiżlazzjoni tal-istess Stat Membru. Kull meta possibbli, din it-talba għandha tintbagħat bil-quddiem. Jekk ma tiġix sottomessa talba għal estensjoni tal-perjodu tal-istazzjonar għal aktar minn 24 xahar jew jekk, wara li jkunu ssottomettew talba, l-Istati kkonċernati ma jilħqu ebda ftehim skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat minn fejn isir l-istazzjonament, il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn fil-fatt tkun qiegħda taħdem il-persuna, issir applikabbli hekk kif jiġi fi tmiemu l-perjodu tal-istazzjonar.

13. Ladarba jiġi fi tmiemu l-istazzjonar, meta tista' persuna tapplika għal stazzjonar ieħor?

Ladarba ħaddiem ikun temm perjodu ta' stazzjonar, ma jista' jiġi awtorizzat ebda perjodu ġdid ta' stazzjonar għall-istess ħaddiem, l-istess impriżi u l-istess Stat Membru sakemm jgħaddu mill-inqas xahrejn mid-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' stazzjonar preċedenti. Madankollu, deroga minn dan il-prinċipju hija permessa f'ċirkostanzi speċifiċi[13].

Min-naħa l-oħra, jekk il-ħaddiem stazzjonat biex jaħdem f'post ieħor ma jkunx jista' jtemm ix-xogħol minħabba ċirkostanzi mhux previsti, huwa, jew min iħaddmu, jista' jitlob estensjoni għall-perjodu ta' stazzjonar inizjali sakemm jitlesta dan ix-xogħol (sa 24 xahar b'kollox) mingħajr ma jiġi kkunsidrat il-waqfien neċessarju ta' mill-inqas xahrejn. Din it-talba għandha tiġi sottomessa u ssostanzjata qabel it-tmiem tal-perjodu ta' stazzjonar inizjali.

Eżempji:

a) Ħaddiem A jintbagħat mill-Istat Membru A biex imur jaħdem fl-Istat Membru B għal perjodu ta' 12-il xahar. Matul dak il-perjodu huwa jimrad serjament għal tliet xhur u ma jkunx jista' jkompli u jlesti x-xogħol antiċipat fl-Istat Membru B. Minħabba li A ma jkunx jista' jkompli bix-xogħol tiegħu minħabba ċirkostanzi mhux previsti, huwa, jew min iħaddmu, ikun jista' jitlob estensjoni ta' tliet xhur għall-perjodu tal-

[13] Ara wkoll id-Deċiżjoni A2 tal-Kummissjoni Amministrattiva

Social Europe

istazzjonar inizjali li jkompli immedjatament wara li jkun għadda l-perjodu oriġinali ta' 12-il xahar.

b) Ħaddiem B jintbagħat mill-Istat Membru A biex imur jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fl-Istat Membru B għal perjodu ta' 24 xahar. Matul dak il-perjodu jsir evidenti li, minħabba diffikultajiet fil-proġett, ix-xogħol ma jistax jitlesta sal-aħħar tal-perjodu ta' 24 xahar. Anki jekk il-ħaddiem B ma jistax ilesti x-xogħol minħabba ċirkostanzi mhux previsti, l-Istat minn fejn isir l-istazzjonament lill-ħaddiem ma jistax jagħtih estensjoni tal-perjodu tal-istazzjonar inizjali li tkompli immedjatament wara li jgħaddu l-24 xahar. L-uniku mod kif jista' jiġi indirizzat dan huwa jekk l-istituzzjonijiet ikkonċernati jikkonkludu ftehim skont l-Artikolu 16 (ara l-punt 12). F'nuqqas ta' ftehim bħal dan, l-istazzjonar għandu jintemm wara 24 xahar.

14. X'inhi l-pożizzjoni fir-rigward tal-każijiet ta' stazzjonar diġà awtorizzati u mibdija skont ir-regolament 1408/71[14]? Dawn il-perjodi jgħoddu għall-perjodu ta' 24 xahar permess skont ir-regolament 883/2004?

Ir-Regolament 883/2004 ma jinkludi ebda dispożizzjoni espliċita dwar l-aggregazzjoni tal-perjodi tal-istazzjonar ikkompletati skont ir-Regolamenti l-qodma u l-ġodda. Madankollu, l-intenzjoni ċara tal-leġiżlatur kienet li jestendi l-perjodu ta' stazzjonar massimu possibbli għal 24 xahar.
Għalhekk, skont ir-Regolamenti l-ġodda, ladarba l-ħaddiem ikun temm perjodu ta' stazzjonar ta' 24 xahar b'kollox, ma jista' jingħata ebda perjodu ta' stazzjonar ġdid għall-istess ħaddiem, l-istess impriżi u l-istess Stat Membru (għajr fil-kuntest ta' ftehim skont l-Artikolu 16)[15].
L-eżempji li ġejjin juru kif għandhom jiġu ttrattati l-perjodi kkompletati skont iż-żewġ Regolamenti.

a) Formola E 101 maħruġa għal stazzjonar mill-1.5.2009 sat-30.4.2010 → huwa possibbli li l-istazzjonar skont ir-Regolament 883/2004 ikompli sat-30.4.2011.

b) Formola E 101 maħruġa għal stazzjonar mill-1.3.2010 sat-28.2.2011 → huwa possibbli li l-istazzjonar skont ir-Reg. 883/2004 ikompli sat-28.2.2012.

c) Formola E 101 maħruġa għal stazzjonar mill-1.5.2008 sat-30.4.2009 + il-formola E 102 għal stazzjonar mill-1.5.2009 sat-30.4.2010 → mhuwiex possibbli li jitkompla l-istazzjonar skont ir-Reg. 883/2004, minħabba li l-perjodu massimu ta' 24 xahar għall-istazzjonar ikun diġà ntemm.

d) Formola E 101 maħruġa għal stazzjonar mill-1.3.2009 sat-28.2.2010 + il-formola E 102 għal stazzjonar mill-1.3.2010 sat-28.2.2011 → mhuwiex possibbli li tingħata estensjoni ulterjuri skont ir-Reg. 883/2004, minħabba li l-perjodu massimu ta' 24 xahar għall-istazzjonar diġà ntemm.

[14] Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2 (li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ: ir-Regolament 1408/71).
[15] Ara wkoll id-Deċiżjoni Nru A3 tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar l-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' stazzjonar mhux interrotti mwettqa skont tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU C 149, 8.6.2010, p. 3.

e) Talba għal stazzjonar mill-1.4.2010 sal-31.3.2012. Dan il-perjodu ma jistax jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar tar-Reg. 1408/71 minħabba li huwa itwal minn 12-il xahar. Għalhekk, huwa neċessarju li jintlaħaq ftehim skont l-Artikolu 17.

15. Sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-istazzjonar

Is-sospensjoni tax-xogħol matul il-perjodu tal-istazzjonar, tkun xi tkun ir-raġuni (vaganzi, mard, taħriġ fl-impriża li tistazzjona eċċ.) ma tiġġustifikax bl-ebda mod l-għoti ta' estensjoni tal-perjodu tal-istazzjonar għal perjodu ekwivalenti. Għalhekk, l-istazzjonar għandu jintemm preċiżament malli jiskadi l-perjodu pprogrammat, irrispettivament min-numru u t-tul ta' żmien tal-avvenimenti li wasslu għas-sospensjoni tal-attività.

Madankollu, deroga minn dan il-prinċipju hija permessa skont id-Deċiżjoni Nru A2 f'ċirkostanzi speċifiċi jekk il-perjodu tal-istazzjonar ma jaqbiżx l-ammont ta' 24 xahar b'kollox (ara l-punt 13).

F'każ ta' mard li jdum xahar, perjodu ta' stazzjonar li fil-bidu kien ipprogrammat li jdum 24 xahar ma jistax jiġi estiż għal 25 xahar mill-bidu tal-istazzjonar.

F'każ ta' sospensjoni itwal tax-xogħol, huwa f'idejn il-persuni kkonċernati li jibqgħu mal-perjodu ta' stazzjonar ipprogrammat minn qabel jew li jtemmu l-istazzjonar bil-għan li jagħmlu l-arranġamenti għal stazzjonar ġdid mill-istess persuna, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-waqfa neċessarja ta' mill-inqas xahrejn kif imsemmi fil-punt 13, jew minn persuna oħra jekk jiġu ssodisfatti l-kriterji rilevanti.

16. Notifika tal-bidliet li jseħħu matul il-perjodu tal-istazzjonar

Il-ħaddiem stazzjonat u min iħaddmu għandhom jinformaw lill-awtoritajiet fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament dwar kwalunkwe bidla li sseħħ matul il-perjodu tal-istazzjonar, b'mod partikolari:

- jekk l-istazzjonar li tkun saret applikazzjoni għalih, fl-aħħar mill-aħħar, ma jkunx sar jew ikun inġieb fi tmiemu qabel iż-żmien skedat.
- jekk l-attività tiġi interrotta għajr fil-każ ta' interruzzjonijiet qosra li jirriżultaw minn mard, vaganzi, taħriġ, eċċ. (ara il-punti 13 u 15)
- jekk il-ħaddiem stazzjonat ikun ġie assenjat minn min iħaddmu biex imur jaħdem f'impriża fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament, b'mod partikolari fil-każ ta' amalgamazzjoni jew trasferiment ta' impriżi.

L-istituzzjoni kompetenti fl-Istat minn fejn isir l-istazzjonament għandha, fejn ikun xieraq u fuq talba, tinforma lill-awtoritajiet fl-Istat tal-impjieg f'każ li sseħħ kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq.

17. L-għoti ta' informazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità

Sabiex jiżguraw l-użu xieraq tar-regoli dwar l-istazzjonar, l-istituzzjonijiet kompetenti fl-Istat Membru li għal-leġiżlazzjoni tiegħu jibqgħu soġġetti l-ħaddiema, għandhom jiżguraw li jpoġġu informazzjoni xierqa għad-dispożizzjoni ta' dawk li jħaddmu u l-ħaddiema stazzjonati dwar il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-istazzjonar (pereżempju permezz ta' fuljetti ta' informazzjoni, siti elettroniċi), biex b'hekk jiġbdulhom l-attenzjoni

li huma jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli diretti mfassla biex jiċċekkjaw li l-kondizzjonijiet li ppermettew l-istazzjonar ikomplu jeżistu.

Filwaqt li jipprovdu lill-impriżi u l-ħaddiema b'kull garanzija sabiex jiġu evitati l-ostakoli għall-moviment ħieles tal-ħaddiema u l-għoti ta' servizzi b'xejn, l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Istati tal-istazzjonar u tal-impjieg, individwalment jew f'kooperazzjoni flimkien, għandhom jerfgħu ir-responsabbiltà għall-inizjattivi kollha ddisinjati biex jiċċekkjaw l-eżistenza u l-kontinwazzjoni tal-kondizzjonijiet li jikkaratterizzaw in-natura speċifika tal-istazzjonar (relazzjoni diretta, attivitajiet sostanzjali, attività simili, manutenzjoni fl-Istat tar-residenza tal-mezzi li permezz tagħhom tkun tista' titwettaq l-attività ta' impjegati għal rashom, eċċ.).

Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux fuq il-validità tal-arranġamenti tal-istazzjonar, jew fuq il-leġiżlazzjoni xierqa li għandha tiġi applikata f'każijiet partikolari, huma stabbiliti fid-Deċiżjoni A1[16] tal-Kummissjoni Amministrattiva.

[16] Id-Deċiżjoni Nru A1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' djalogu u konċiljazzjoni dwar il-validità ta' dokumenti, id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli u l-provvista ta' benefiċċji skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU C 106, 24.4.2010, p. 1.

Parti II: Twettiq ta' attività f'żewġ Stati Membri jew aktar[17]

1. Liema sistema ta' sigurtà soċjali hija applikabbli għal persuni li normalment jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew aktar?[18]

Hemm regoli speċjali għall-persuni li normalment jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew iktar. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004. Bħar-regoli kollha għad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli, ir-regoli huma mfassla biex jiġi żgurat li fi żmien partikolari tkun tapplika leġiżlazzjoni waħda biss tas-sigurtà soċjali.

Fis-sitwazzjoni li fiha persuna normalment twettaq attività bħala persuna impjegata, l-ewwel pass huwa li jiġi ddeterminat jekk **parti sostanzjali ta' attività ta' persuna hijiex imwettqa fl-Istat Membru ta' residenza**[19]:

a) Jekk it-tweġiba hija **iva**, l-Artikolu 13(1) jistipula li tapplika l-leġiżlazzjoni tal-**Istat Membru ta' residenza**[20].

Eżempju:

Is-Sur X jgħix fi Spanja. L-impjegatur tiegħu huwa stabbilit fil-Portugall. X jaħdem darbtejn fil-ġimgħa fi Spanja u tlieta fil-Portugall. Peress li X jaħdem tnejn minn kull ħamest ijiem fi Spanja (40% tal-ħin tax-xogħol tiegħu), iwettaq 'parti sostanzjali' tal-attività tiegħu hemm. Hija applikabbli l-leġiżlazzjoni Spanjola.

b) Jekk it-tweġiba hija **le**, f'dak il-każ l-Artikolu 13(1) jistipula li persuna li normalment taħdem f'żewġ Stati Membri jew iktar hija soġġetta għal:

(i) il-leġiżlazzjoni tal-**Istat Membru li fih jinstabu l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tal-impriża li tħaddimha** jekk hija **impjegata minn impriża waħda jew impjegatur wieħed**.

Eżempju:

Is-Sinjura Z taħdem ma' impriża li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-Greċja. Taħdem ġurnata d-dar fil-Bulgarija u l-bqija tal-jiem taħdimhom fil-Greċja. Peress li jum fil-ġimgħa jammonta għal 20% tal-attività, Z mhijiex qed twettaq 'parti sostanzjali' mill-attività tagħha fil-Bulgarija. Ser tkun tapplika l-leġiżlazzjoni Griega.

(ii) il-leġiżlazzjoni tal-**Istat Membru li fih jinstabu l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tal-impriża li tħaddimha** jekk hija mħaddma minn żewġ impriżi li kull waħda minnhom għandha l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali fl-istess Stat Membru.

Eżempju:

Is-Sur Y huwa riċerkatur f'università fil-Pajjiżi l-Baxxi għal erbat ijiem fil-ġimgħa. Jgħix qrib il-fruntiera fil-Belġju u jmur għax-xogħol fil-Pajjiżi l-

[17] L-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004.
[18] Hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet speċifiċi għall-baħħara u l-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina, li għalihom tinħoloq fittizja legali fl-Artikoli 11(4) u 11(5) tar-Regolament 883/2004.
[19] Ara l-Paragrafu 3 għad-definizzjoni ta' "parti sostanzjali tal-attività".
[20] L-Artikolu 1(j) tar-Regolament 883/2004 jiddefinixxi r-residenza bħala l-post li fih persuna normalment tgħix. L-elementi għad-determinazzjoni tar-residenza jinstabu fl-Artikolu 11 tar-Regolament 987/2009.

Baxxi tliet darbiet fil-ġimgħa; ir-raba' jum jaħdem mid-dar fil-Belġju. Barra x-xogħol tiegħu fl-università, jaħdem jum fil-ġimgħa f'kumpanija tas-servizzi legali fil-Pajjiżi l-Baxxi. Is-Sur Y jaħdem għal żewġ impjegaturi, u t-tnejn li huma għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-istess Stat Membru (il-Pajjiżi l-Baxxi). Peress li Y ma ma jwettaqx parti sostanzjali tal-attività tiegħu fl-IStat Membru ta' residenza tapplika dik il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih jinstabu l-impjegaturi. Għaldaqstant, tapplika l-leġiżlazzjoni Olandiża.

(iii) il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih jinsab **l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tal-impriża li tħaddimha**, minbarra l-Istat Membru ta' residenza, jekk hija mħaddma minn żewġ impriżi, li waħda minnhom għandha l-uffiċċju rreġistrat fl-Istat Membru ta' residenza u l-oħra għandha l-uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru ieħor[21].

Eżempju:

Is-Sinjura X hija maniġer tan-negozju għal żewġ kumpaniji: waħda fil-Polonja u l-oħra fir-Repubblika Ċeka. Tgħix fil-Polonja qrib il-fruntiera mal-Ġermanja. Kull ġimgħa, tqatta' tlett ijiem tax-xogħol fil-Ġermanja għall-kumpanija Pollakka. Għall-kumpanija Ċeka, taħdem ġurnata s-Slovakkja u ġurnata r-Repubblika Ċeka.

Is-Sinjura X ma twettaqx parti sostanzjali tal-attività tagħha fl-Istat Membru ta' residenza tagħha (il-Polonja). Qed taħdem għal 2 impriżi, li waħda minnhom tinsab fl-Istat Membru ta' residenza tagħha u l-oħra tinsab barra l-Istat Membru ta' residenza. F'dik is-sitwazzjoni, għandha tkun tapplika l-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membri l-ieħor (jiġifieri tar-Repubblika Ċeka).

Din ir-regola ddaħħlet mir-Regolament (UE) Nru 465/2012 biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha t-twettiq ta' attività minuri, iżda li hija iktar minn sempliċi marġinali, għal impjegatur li għandu l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tiegħu fl-Istat Membru ta' residenza jista' jwassal sabiex il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza ssir applikabbli mill-ġdid bi skopijiet diżonesti.

(iv) il-leġiżlazzjoni tal-**Istat Membru ta' residenza** jekk hija **mħaddma minn diversi impriżi jew diversi impjegaturi** li **l-uffiċċji rreġistrati jew is-sede prinċipali tagħhom jinsabu fi Stati Membri differenti barra l-pajjiż ta' residenza**;

Eżempju:

Is-Sur Y jgħix l-Ungerija. Y għandu żewġ impjegaturi, wieħed fl-Awstrija u wieħed fis-Slovenja. Jaħdem darba fil-ġimgħa fis-Slovenja. L-erbat ijiem l-oħra jaħdimhom fl-Awstrija.

Anki jekk Y qed jaħdem għal bosta impjegaturi, stabbiliti fi Stati Membri differenti barra l-pajjiż ta' residenza tiegħu (l-Ungerija), tapplika l-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż peress li mhuwiex possibbli li jiġi identifikat Stat Membru wieħed li fih jinstabu "l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali" tal-impjegaturi tiegħu barra l-Istat Membru ta' residenza.

[21] Din ir-regola hija bidla importanti fl-Artikolu 13(1) wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 465/2012. Għal iktar tagħrif dwar kif jiġu indirizzati transizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni applikabbli, ara l-Paragrafu 15.

(v) Jekk persuna twettaq l-attività tagħha bħala persuna impjegata f'żewġ Stati Membri jew iktar **f'isem impjegatur stabbilit barra t-territorju tal-Unjoni Ewropea**, u jekk il-persuna tgħix fi Stat Membru mingħajr ma wettqet attività sostanzjali hawnhekk, għandha tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-**Istat Membru ta' residenza**.

Eżempju:

Is-Sinjura P qed tgħix il-Belġju. L-impriża tal-impjegatur tagħha hija stabbilita fl-Istati Uniti. Ġeneralment P taħdem nofs ta' nhar fil-ġimgħa fl-Italja u tliet ijiem fil-ġimgħa fi Franza. P taħdem ukoll jum fix-xahar fl-Istati Uniti. Għall-attivitajiet okkupazzjonali fl-Italja u Franza, tapplika għaliha l-leġiżlazzjoni Belġjana skont l-Artikolu 14(11) tar-Regolament 987/2009.

Ir-regoli għall-persuni li normalment jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew iktar huma simili fis-sura tagħhom għal dawk li jinstabu fl-Artikolu 14 tar-Regolament 1408/71 iżda huma koperti f'dispożizzjoni ċentrali waħda. Ir-regoli riveduti jneħħu d-dispożizzjonijiet speċjali tar-Regolament 1408/71 relatati mal-persuni li jaħdmu fis-settur internazzjonali tal-ferroviji, it-toroq u l-passaġġi fuq l-ilma intern, kif ukoll ir-regoli speċjali għall-ħaddiema taċ-ċivil. Jintroduċu wkoll il-kunċett ta' 'parti sostanzjali tal-attività' biex jistabbilixxu ma' liema Stat Membru persuna għandha l-eqreb rabta f'termini ta' kopertura tas-sigurtà soċjali.

Dawn ir-regoli japplikaw għal għadd kbir ta' ħaddiema, inklużi persuni li jaħdmu għal rashom (ara l-Paragrafu 9), sewwieqa internazzjonali tat-trakkijiet, sewwieqa ta' ferroviji, kurriera internazzjonali, esperti tal-informatika, konsulenti u professjonisti oħrajn li jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew iktar.

Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 465/2012, il-kundizzjoni ta' twettiq ta' 'parti sostanzjali tal-attività' tapplika bħala l-ewwel pass fis-sitwazzjonijiet kollha li fihom persuna tkun qed taħdem f'żewġ Stati Membri jew iktar. Hemm **eċċezzjoni waħda**, li ġejja mill-applikazzjoni prattika tar-regoli. Jekk il-post ta' residenza ta' persuna li taħdem għal impjegatur wieħed jew impriża waħda jew iktar u l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tal-impjegatur(i) jew l-impriża/i ta' dik il-persuna jinstabu fl-istess Stat Membru, f'dak il-każ, dejjem ser tkun tapplika l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza. F'dan il-każ, mhemmx bżonn li jiġi ddeterminat jekk parti sostanzjali tal-attività hijiex qed titwettaq fl-Istat Membru ta' residenza.

Skont l-Artikolu 11 (2) tar-Regolament 883/2004, persuni li jirċievu benefiċċji fi flus minħabba jew bħala konsegwenza tal-attività tagħhom bħala persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom[22] għandhom jitqiesu li qed iwettqu l-attività msemmija. Persuna li fl-istess ħin tirċievi benefiċċju ta' terminu qasir minn Stat Membru wieħed u twettaq attività fi Stat Membru ieħor għandha għalhekk titqies li qed twettaq żewġ attivitajiet f'żewġ Stati Membri differenti, u ser ikunu japplikaw ir-regoli tal-Artikolu 13. Jekk il-benefiċċju mħallas fl-Istat Membru ta' residenza jkun ġej minn 'parti sostanzjali' tal-attivitajiet tal-persuna, allura l-persuna tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni fl-Istat Membru ta' residenza.

Madankollu, l-Istati Membri qablu li persuni li qed jirċievu benefiċċji tal-qgħad fl-Istat Membru tagħhom ta' residenza u fl-istess ħin iwettqu attività professjonali jew ekonomika part-time fi Stat Membru ieħor għandhom ikunu soġġetti esklussivament għal-leġiżlazzjoni tal-ewwel Stat Membru kemm fir-rigward tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet

[22] Pereżempju benefiċċji tal-mard fi flus.

Social Europe

kif ukoll għall-għoti tal-benefiċċji,[23] u rrakkomandaw li ftehimiet li jipprovdu għal din is-soluzzjoni għandhom ikunu konklużi skont l-Artikolu 16 (1) tar-Regolament 883/2004.

Meta persuna tkun qed tirċievi benefiċċju għal żmien twil[24] minn Stat Membru wieħed u fl-istess ħin tkun qed twettaq attività fi Stat Membru ieħor, ma għandhiex titqies li qed twettaq attivitajiet f'żewġ Stati Membri jew aktar u l-leġiżlazzjoni applikabbli għandha tkun iddeterminata skont ir-regoli tal-Artikolu 11 (3) tar-Regolament 883/2004.

2. Persuna meta għandha titqies li qed twettaq normalment attività f'żewġ Stati Membri jew aktar?

L-Artikolu 14(5) tar-Regolament 987/2009 jistipula li persuna li 'normalment twettaq attività bħala persuna impjegata f'żewġ Stati Membri jew iktar' hija persuna li b'mod simultanju jew alternat teżerċita attività waħda jew iktar separati f'żewġ Stati Membri jew iktar għall-istess impriża jew impjegatur jew għal bosta impriżi jew impjegaturi.

Id-dispożizzjoni ġiet adottata sabiex jiġu riflessi l-bosta każijiet diġà indirizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE[25]. L-għan huwa li jiġu koperti l-każijiet kollha possibbli ta' attivitajiet multipli b'element transkonfinali u li tinħareġ distinzjoni bejn attivitajiet li, bħala regola, normalment jestendu fuq it-territorju ta' bosta Stati membri minn dawk li huma eżerċitati b'mod eċċezzjonali jew temporanju.

Attivitajiet li jitwettqu b'mod simultanju tkopri każijiet li fihom jitwettqu attivitajiet addizzjonali fi Stati Membri differenti b'mod simultanju skont l-istess kuntratti ta' impjieg jew inkella differenti. It-tieni attività jew dik addizzjonali tista' tiġi eżerċitata matul liv imħallas, fi tmiem il-ġimgħa, jew fil-każ ta' xogħol part-time, jistgħu jitwettqu żewġ attivitajiet differenti għal żewġ impjegaturi differenti fl-istess jum. Pereżempju, assistent f'ħanut fi Stat Membru wieħed xorta jibqa' kopert minn din id-dispożizzjoni jekk jaħdem bħala sewwieq tat-taxi impjegat fi tmiem il-ġimgħa fi Stat Membri ieħor. Anki l-ħaddiema ta' trasport internazzjonali bit-triq li jsuqu fi Stati Membri differenti sabiex iwasslu prodotti huma eżempju ta' nies li jaħdmu 'b'mod simultanju' f'żewġ Stati Membri jew iktar. B'mod ġenerali, jista' jingħad li attivitajiet li jaħbtu f'xulxin huma aspett normali tal-mudell tax-xogħol u ma hemm l-ebda distakk bejn l-attivitajiet fi Stat Membri wieħed jew l-ieħor.

Attivitajiet li jitwettqu b'mod alternat tkopri s-sitwazzjonijiet li fihom l-attivitajiet ma jitwettqux b'mod simultanju fit-territorju ta' bosta Stati Membri, iżda tinvolvi assenjazzjonijiet tax-xogħol suċċessivi mwettqa fi Stati Membri differenti, wieħed wara l-ieħor. Biex jiġi ddeterminat jekk l-attivitajiet jitwettqux matul perjodi suċċessivi, ma għandhiex tittieħed f'kunsiderazzjoni biss id-durata antiċipata tal-perjodi, iżda anki l-għamla tal-impjieg inkwistjoni. Mhuwiex rilevanti kemm hija spissa din l-alternazzjoni iżda hemm bżonn ta' ċerta regolarità fl-attività. Pereżempju, rappreżentant ta' negozju li sena wara sena jivvjaġġa fi Stat Membru, għall-promozzjoni ta' negozju għal disa' xhur, u li fit-tliet xhur li jifdal fis-sena jmur lura biex jaħdem fl-Istat Membru ta' residenza tiegħu ikun qiegħed iwettaq attivitajiet f'alternazzjoni.

[23] Għal iktar dettalji jekk jogħġbok ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva Nru U1 tat-12.6.2009, ĠU C 106 tal-24.4.2010.
[24] Pensjonijiet tal-invalidità, tal-anzjanità jew tar-romol, pensjonijiet riċevuti fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol jew mard okkupazzjonali, jew benefiċċji tal-mard fi flus li jkopru trattament għal perjodu mhux limitat.
[25] Ara, fost l-oħrajn, il-Kawża 13/73 *Willy Hakenberg*, [1973] Ġabra 935, il-Kawża 8/75 *Football Club d' Andlau* [175] Ġabra 739, il-Kawża C-425/93 *Calle Grenzshop* [Ġabra] 1995, I-269.

Meta jintalab jiddetermina l-leġiżlazzjoni applikabbli, l-Istat Membru ta' residenza ser ikollu jwettaq valutazzjoni xierqa tal-fatti rilevanti u jiggarantixxi li t-tagħrif li fuq il-bażi tiegħu huwa pprovdut iċ-ċertifikat A1 huwa korrett[26].

L-ewwel nett, għal din il-valutazzjoni huwa importanti li jiġi stabbilit jekk, fil-mument tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli, il-perjodi tax-xogħol f'bosta Stati Membri humiex ser isegwu lil xulxin b'ċerta regolarità matul it-12-il xahar kalendarju li jkun imiss. Għall-fini ta' dik il-valutazzjoni, id-deskrizzjoni tal-għamla tax-xogħol kif muri mill-kuntratt(i) tal-impjieg għandha importanza partikolari.

It-tieni, l-attivitajiet kif deskritti fil-kuntratt(i) għandhom ikunu konsistenti mal-attivitajiet li aktarx li ser jitwettqu mill-ħaddiem. Meta jiġu vvalutati l-fatti bil-għan li tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli, l-istituzzjoni tista', fejn xieraq, tieħu f'kunsiderazzjoni wkoll:

- il-mod li bih qabel ġew implimentati fil-prattika l-kuntratti ta' impjieg bejn l-impjegatur u l-ħaddiem ikkonċernat;
- kif inhuma konklużi l-kuntratti ta' impjieg hu (eż. jekk huwiex 'kuntratt qafas' li mhuwiex ferm speċifiku dwar l-Istat Membru propju fejn ser ikun qed jaħdem il-ħaddiem), u
- il-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet tal-attività mwettqa mill-impjegatur.

Jekk il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fattwali tvarja minn dik ibbażata fuq il-kuntratt ta' impjieg, l-istituzzjoni kompetenti għandha tibbaża lilha nfisha fuq is-sejbiet dwar is-*sitwazzjoni attwali* tal-persuna, kif ivvalutata, u mhux fuq il-kuntratt ta' impjieg[27]. Barra minn hekk, jekk l-istituzzjoni kompetenti tiskopri li s-sitwazzjoni reali tax-xogħol tvarja mis-sitwazzjoni kif deskritta fil-kuntratt wara li tkun ħarġet iċ-ċertifikat A1 u jkollha dubji dwar il-korrettezza tal-fatti li fuqhom huwa bbażat iċ-ċertifikat A1, ser ikollha tikkonsidra mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tiegħu u, jekk ikun hemm bżonn, tirtira ċ-ċertifikat.

Eżempju 1:

Is-Sur X jgħix l-Estonja u jaħdem għal kumpanija Estonjana ta' sottokuntrattar tal-kostruzzjoni. Jaħdem fuq bażi *on-call* b'kuntratti hekk imsejħa 'qafas'. It-termini tal-kuntratt jistgħu jfissru li jista' jintalab jaħdem fil-Finlandja, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja. Meta jintbagħat u għal kemm żmien jiddependi fuq id-disponibilità tax-xogħol u l-ħtiġijiet tal-assenjazzjoni. L-ewwel, is-Sur X jaħdem għal xahrejn il-Latvja. Meta l-assenjazzjoni tasal fi tmiemha, il-kuntratt qafas jintemm. Wara li jkun stenna assenjazzjoni ġdida għal xahrejn, jibda attività ġdida fil-Litwanja għal għaxar xhur b'kuntratt qafas ġdid.

F'din is-sitwazzjoni, is-Sur X jaħdem fi Stat Membru wieħed kull darba għal kull kuntratt. Il-kuntratti ma jiġux minnufih wara xulxin u fuq il-bażi tat-termini ta' kull kuntratt individwali ma jistax jitbassar jekk is-Sur X hux fil-fatt ser ikun jaħdem f'żewġ Stati Membri jew iktar fuq perjodu ta' 12-il xahar tal-kalendarju. Filwaqt li t-termini tal-kuntratt qafas issuġġerixxew li s-Sur X jista' jaħdem b'mod simultanju jew alternanti fi Stati Membri differenti, dan **ma ġiex rifless fis-sitwazzjoni propja tax-xogħol tiegħu**. Is-sitwazzjoni tax-xogħol fattwali ma turix mudell tax-xogħol regolari f'żewġ Stati Membri jew iktar, u għaldaqstant, għall-fini ta' determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli, din il-persuna 'normalment' ma twettaqx attivitajiet f'żewġ Stati Membri jew iktar.

[26] B'analoġija, ara l-Kawża C -202/97 *Fitzwilliam* [2000] Ġabra I-883, il-paragrafu 51 u C-178/97 *Banks* [2000] Ġabra I-2005, paragrafu 38 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2012 fil-Kawża C-115/11 Format Rec. [2012] għadha mhijiex ippubblikata.

[27] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2012 fil-Kawża C-115/11 *Format* Rec. [2012] għadha mhijiex ippubblikata.

Social Europe

Eżempju 2:

Is-Sur Z joqgħod l-Ungerija u għandu żewġ xogħlijiet matul is-sena. Minn Novembru ta' sena sa April tas-sena ta' wara jaħdem l-Awstrija għal impriża Awstrijaka bħala għalliem tal-iskijjar. Imbagħad imur lura l-Ungerija fejn jiġi impjegat minn azjenda agrikola biex jaħsad il-ħaxix fil-perjodu bejn Mejju u Ottubru. Għandu żewġ kuntratti ta' impjieg, wieħed ma' kull impjegatur.

Biex jiġi ddeterminat jekk din il-persuna hijiex normalment qed twettaq attivitajiet f'żewġ Stati Membri jew iktar, jew hijiex qed taħdem biss fi Stat Membru wieħed fi żmien partikolari, l-attivitajiet prevedibbli għandhom jinvolvu attivitajiet tal-impjieg li jkopru, fuq iktar minn sempliċi bażi ta' darba biss, it-territorju ta' bosta Stati Membri. Din il-persuna ser tiġi ttrattata bħala persuna li taħdem f'żewġ Stati Membri jew iktar biss jekk hemm x'jindika li l-mudell tax-xogħol ser jibqa' stabbli għat-12-il xahar tal-kalendarju li jmiss. Fil-każ ta' impjieg staġjonali, il-prevedibilità tal-attivitajiet li għandhom iseħħu fl-Istat Membru tax-xogħol li jmiss hija rilevanti. Diġà hemm kuntratt ta' impjieg fis-seħħ ma' impjegatur ieħor fi Stat Membru ieħor? Jekk le, mis-sitwazzjoni tax-xogħol fit-12-il xahar ta' qabel jirriżulta li l-persuna kellha **mudell tax-xogħol ripetittiv** bejn l-Istati Membri involuti? Hemm xi perjodi intermittenti bejn l-attivitajiet fi Stat Membru ieħor u dawn ikunu qed ixekklu r-ritmu 'normali' tax-xogħol f'żewġ Stati Membri? Jekk ma tkun tista' tinstab l-ebda indikazzjoni ċara ta' mudell tax-xogħol ripetittiv, il-leġiżlazzjoni applikabbli jkollha tiġi ddeterminata skont kull kuntratt u għal kull Stat Membru b'mod individwali u mhux skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Jekk jinstab li persuna twettaq xogħol b'mod irregolari fi Stati Membri differenti, din is-sitwazzjoni tkun koperta mill-Artikolu 13 peress li ħidma fi Stati Membri differenti hija parti intrinsika mill-mudell tax-xogħol u l-intervall bejn il-perjodi tax-xogħol ma għandux tul jew għamla li jibdlu l-mudell tax-xogħol b'tali mod li persuna ma tibqax taħdem 'normalment' f'żewġ Stati Membri jew iktar. Tabilħaqq, jista' jkun li għall-ewwel valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għat-tnax-il xahar tal-kalendarju li jmiss, l-inċertezza jew l-irregolarità fil-mudell tax-xogħol iwasslu għall-konklużjoni li persuna normalment mhix qed twettaq attività f'żewġ Stati Membri jew iktar. Madankollu, jekk matul it-tnax-il xahar ta' wara jiġi identifikat mudell tax-xogħol ripetittiv simili għal din, f'dak il-każ il-persuna tista' titqies li qed taħdem f'żewġ Stati Membri jew iktar.

Eżempju 3:

Is-Sinjura Z taħdem għal kumpanija taċ-ċirklu stabbilita fl-Italja. Għandha kuntratt mal-kumpanija għal perjodu mhux definit ta' żmien. Normalment iżżur fuq xogħol Stati Membri differenti bejn Jannar u Mejju, u tibqa' madwar xahar f'kull Stat Membru, għad li diffiċli jitbassru meta u fejn ser taħdem.

Fil-mument meta l-Istat Membru residenti jrid jieħu deċiżjoni fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli, huwa **prevedibbli** li normalment, is-Sinjura Z ser teżerċita attivitajiet barra l-pajjiż skont il-kuntratt ta' impjieg tagħha. Għaldaqstant, il-każ tagħha jista' jitqies bħala każ li fih l-attivitajiet normalment jitwettqu f'iktar minn Stat Membru wieħed. Il-leġiżlazzjoni applikabbli għandha tiġi ddeterminata billi jiġu segwiti r-regoli tal-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004 flimkien mal-Artikolu 14 (10) tar-Regolament 987/2009.

Għad-distinzjoni bejn attivitajiet multipli u l-istazzjonar, id-durata u l-għamla tal-attività fi Stat Membru wieħed jew iktar għandhom ikunu deċiżivi (jekk humiex tat-tip permanenti jew ta' darba, ad hoc jew temporanji).

Biex tiġi evitata manipolazzjoni possibbli tar-regoli li jirregolaw il-leġiżlazzjoni applikabbli, **l-attivitajiet marġinali** ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni għad-

determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli fuq il-bażi tal-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004.

L-attivitajiet marġinali huma attivitajiet li huma permanenti iżda insinifikanti f'termini ta' ħin u dħul ekonomiku. Huwa ssuġġerit li, bħala indikatur, attivitajiet li jammontaw għal inqas minn 5% tal-ħin tax-xogħol regolari[28] u/jew inqas minn 5% tal-ħlas tiegħu ġenerali għandhom jitqiesu bħala attivitajiet marġinali. Anke n-natura tal-attivitajiet, bħal attivitajiet li huma ta' natura ta' appoġġ, li huma nieqsa mill-indipendenza, li jitwettqu mid-dar jew fis-servizz tal-attività ewlenija, jistgħu jkunu indikatur li jikkonċernaw attivitajiet marġinali. Persuna li twettaq "attivitajiet ta' grad marġinali" fi Stat Membru wieħed iżda li taħdem ukoll għall-istess impjegatur fi Stat Membru ieħor, ma tistax titqies bħala li normalment qed twettaq attività f'żewġ Stati Membri jew aktar u għalhekk mhijiex koperta mill-Artikolu 13 (1) tar-Regolament 883/2004. F'din is-sitwazzjoni, il-persuna hija ttrattata, **bil-għan li tkun determinata l-leġiżlazzjoni applikabbli**, bħala li għandha attività fi Stat Membru wieħed biss. Jekk l-attività marġinali tiġġenera affiljazzjoni ta' sigurtà soċjali, allura l-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kompetenti għad-dħul ġenerali mill-attivitajiet kollha. Dan jgħin sabiex jiġi evitat l-użu ħażin jekk, ngħidu aħna, persuna tkun obbligata taħdem għal perjodu ferm qasir fi Stati Membri oħrajn biex jiġi evitat milli ssir applikabbli l-leġiżlazzjoni tal-'ewwel' Stat Membru. F'każijiet bħal dawn, l-attiviatjiet marġinali ma għandhomx jiġu kkunsidrati meta tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli. L-attivitajiet marġinali jridu jiġi vvalutati għal kull Stat Membru b'mod separat u ma jistgħux jiġu aggregati.

Il-proċedura tal-Artikolu 16 tar-Regolament 987/2009 tibqa' applikabbli għall-każijiet kollha li fihom persuna twettaq attività fi Stat wieħed u attività marġinali f'ieħor. Dan isegwi mit-test tal-Artikolu 16, li japplika għall-**każijiet kollha** li fihom persuna twettaq *attività* f'żewġ Stati Membri jew iktar, indipendentement mill-mudell tax-xogħol.

3. Kif inhi definita attività sostanzjali?[29]

'**Parti sostanzjali tal-attività ta' impjieg**' imwettqa fi Stat Membru tfisser li parti kwantitattivament sostanzjali tal-attivitajiet kollha tal-ħaddiem titwettaq hemmhekk, u din mhux neċessarjament tkun il-parti maġġuri ta' dawk l-attivitajiet.

Biex ikun determinat jekk parti sostanzjali tal-attività ta' persuna impjegata hijiex imwettqa fi Stat Membru, għandhom jitqiesu l-kriterji indikattivi li ġejjin:

- il-ħin tax-xogħol; u/jew
- il-ħlas

Jekk fil-kuntest tat-twettiq ta' valutazzjoni ġenerali jirriżulta li mill-inqas 25% tal-ħin tax-xogħol tal-persuna jitwettaq fl-Istat Membru tar-residenza u/jew mill-inqas 25% tal-ħlas tal-persuna ġej mill-Istat Membru tar-residenza dan għandu jkun **indikatur** li **parti sostanzjali tal-attivitajiet kollha tal-ħaddiem titwettaq** f'dak l-Istat Membru.

Filwaqt li huwa obbligatorju li jitqiesu l-ħin tax-xogħol u/jew il-ħlas, din mhijiex lista eżawrjenti u jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll kriterji oħra. Hija r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet magħżulin biex iqisu l-kriterji kollha rilevanti u biex jagħmlu valutazzjoni

[28] Skont id-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol " 'ħin tax-xogħol' ifisser kwalunkwe perjodu li matulu l-ħaddiem [ikun] għax-xogħol, għad-dispożizzjoni ta' min jimpjegah u jwettaq l-attivitajiet jew id-doveri tiegħu, b'konformità mal-liġijiet nazzjonali u/jew prattiċi." F'dak il-kuntest, ħin on-call fejn il-ħaddiem huwa meħtieġ li jkun fiżikament preżenti f'post speċifikat minn min iħaddmu, għandu jitqies bħala ħin tax-xogħol sħiħ, irrispettivament mill-fatt li, matul perjodi ta' ħin on-call, il-persuna kkonċernata ma tkunx qed twettaq kontinwament jew tagħmel xi attività professjonali.

[29] L-Artikolu 14 (8) tar-Regolament 987/2009.

Social Europe

ġenerali tas-sitwazzjoni tal-persuna qabel ma jiddeċiedu fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli.

Flimkien mal-kriterji msemmija hawn fuq, għall-finijiet biex jiġi stabbilit liema leġiżlazzjoni ta' liema Stat Membru għandha tkun applikata, għandha titqies **ukoll** is-sitwazzjoni futura preżunta fit-12-il xahar kalendarju li jmiss[30]. Madankollu, l-esperjenza tal-passat hija wkoll kejl affidabbli tal-imġiba futura u għalhekk meta ma jkunx possibbli li tiġi bbażata deċiżjoni fuq mudelli ta' ħidma ppjanata jew rosters ta' ħidma, ikun raġonevoli li wieħed iħares lejn is-sitwazzjoni fuq l-aħħar 12-il xahar u li din tintuża għall-valutazzjoni ta' attività sostanzjali. Meta kumpanija tkun għadha kemm ġiet stabbilita, allura l-valutazzjoni tista' tkun ibbażata fuq perjodu ta' żmien iqsar.

Eżempju:

Is-Sur X huwa konsulent tal-kompjuters. Huwa jaħdem fl-Awstrija u l-Belġju għal kumpanija bbażata fil-Belġju. Huwa joqgħod l-Awstrija fejn iwettaq tal-inqas 25% tax-xogħol tiegħu. Minħabba li joqgħod l-Awstrija u jissodisfa r-rekwiżit li parti sostanzjali tal-attività tiegħu titwettaq fl-Awstrija, il-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat hija applikabbli. Ara l-Paragrafu 1 (a) hawn fuq. Jekk, min-naħa l-oħra, inqas minn 25% tax-xogħol tiegħu (jew tad-dħul) kien fl-Awstrija, tkun applikabbli l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn il-kumpanija għandha l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tagħha (il-Paragrafu 1(b)(i)).

Is-Sur P huwa mastrudaxxa. Jaħdem għal kumpanija li l-uffiċċju rreġistrat tagħha huwa fi Franza u minnha jirċievi l-ħlas tiegħu. Joqgħod Spanja, iżda matul l-aħħar 12-il xahar tal-kalendarju wettaq biss 15% tal-attivitajiet tiegħu hemm. Il-mudell tax-xogħol tiegħu aktarx li ser jibqa' l-istess għat-12-il xahar tal-kalendarju li ġejjin. Tapplika l-leġiżlazzjoni ta' Franza. Ara l-Paragrafu 1(b)(i) iktar 'il fuq.

Is-Sur T jaħdem għal żewġ kumpaniji tat-trasport li l-uffiċċji rreġistrati tagħhom huma fil-Pajjiżi l-Baxxi. Is-Sur T qatt ma ħadem fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-kumpaniji jipprovdu sewwieqa tat-trakkijiet lil bosta kumpaniji tat-trasport internazzjonali. Is-Sur T ma jaħdimx fil-Pajjiżi l-Baxxi, jew fil-Polonja fejn joqgħod. Peress li ma jwettaqx parti sostanzjali tal-attività tiegħu fl-Istat Membru ta' residenza, u jirċievi d-dħul kollu tiegħu mill-kumpaniji fil-Pajjiżi l-Baxxi, tapplika l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn l-impjegaturi tiegħu għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom (barra l-Istat Membru ta' residenza, jiġifieri l-Pajjiżi l-Baxxi). Ara l-Paragrafu 1(b)(ii) iktar 'il fuq.

Is-Sinjura Z hija avukat. Taħdem għal żewġ ditti differenti tas-servizzi legali, waħda fl-Italja u waħda fis-Slovenja, li hija wkoll l-Istat li tgħix fih. Ħafna mill-attività tagħha ssir l-Italja (40%) u ma twettaqx parti sostanzjali tal-attività tagħha fl-Istat ta' residenza tagħha (20%). L-ammont totali ta' ħlas mis-Slovenja ma jammontax għal 25% lanqas. Peress li l-uffiċċju rreġistrat ta' wieħed mill-impjegaturi tagħha jinstab barra l-Istat Membru ta' residenza, tapplika l-leġiżlazzjoni Taljana. Ara l-Paragrafu 1(b)(iii) iktar 'il fuq.

[30] Artikolu 14 (10) tar-Regolament 987/2009

Is-Sinjura Y hija avukat. Hija taħdem fl-Awstrija għal ditta legali li s-sede prinċipali tinsab fl-Awstrija, u hija taħdem fis-Slovakkja għal ditta legali oħra li s-sede prinċipali tagħha tinsab fis-Slovakkja. Hija tgħix fl-Ungerija. Il-leġiżlazzjoni Ungeriża hija applikabbli. Ara l-Paragrafu 1 (b) (iv) hawn fuq.

4. Attività sostanzjali u ħaddiema tat-trasport internazzjonali

Kif diġà indikat, ir-regoli speċifiċi applikabbli għall-ħaddiema tat-trasport internazzjonali inklużi fir-Regolament 1408/71 ma kinux inklużi fir-regolamenti l-ġodda. Għaldaqstant, l-istess dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għall-persuni li jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew aktar japplikaw ukoll għall-ħaddiema tat-trasport internazzjonali. Teżisti eċċezzjoni għall-baħħara, il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina. **Fil-Paragrafu 4a jista' jinstab iktar tagħrif dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 465/2012 fit-28 ta' Ġunju 2012.**

Dan il-paragrafu tal-gwida huwa intenzjonat li jipprovdi assistenza fil-mod kif jiġu indirizzati l-arranġamenti partikolari tax-xogħol li japplikaw fis-settur tat-trasport internazzjonali. Madankollu, fejn ikun ċar minn valutazzjoni inizjali li ħaddiem huwa sostanzjalment impjegat fl-Istat tar-residenza tiegħu, ma għandux ikun hemm ħtieġa għall-istituzzjonijiet li japplikaw il-kriterji speċjali ssuġġeriti fil-paragrafi li ġejjin.

Fil-valutazzjoni tal-"parti sostanzjali tal-attività" għal dan il-grupp ta' ħaddiema huwa kkunsidrat li l-ħin tax-xogħol huwa l-aktar kriterju xieraq li fuqu għandha tiġi bbażata deċiżjoni. Madankollu, huwa rikonoxxut ukoll li l-qsim tal-attività bejn żewġ Stati Membri jew aktar mhux dejjem huwa sempliċi għal ħaddiem tat-trasport bħal fil-każ ta' dawk f'impjieg transkonfinali "standard". Għaldaqstant, jista' jkun meħtieġ eżami mill-qrib tal-arranġamenti tax-xogħol biex tkun iddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli f'tali każijiet meta jkun diffiċli biex jiġu stmati s-sigħat tax-xogħol fl-Istat Membru tar-residenza.

Xi ħaddiema tat-trasport stabbilixxew mudelli ta' xogħol, rotot li jridu jkunu vvjaġġati u stima tal-ħinijiet tal-vjaġġi. Persuna li tkun qed tfittex deċiżjoni fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli għandha tippreżenta każ raġonevoli (eż. billi tipprovdi rosters ta' xogħol jew kalendarji tal-ivvjaġġar jew informazzjoni oħra) biex taqsam l-attività bejn ħin ta' xogħol fl-Istat tar-residenza u ħin ta' xogħol fi Stat Membru ieħor.

Fejn is-sigħat tax-xogħol fl-Istat Membru tar-residenza ma jkunux disponibbli, jew meta ma jkunx ċar miċ-ċirkustanzi ġenerali li parti sostanzjali tal-attività titwettaq fl-Istat Membru tar-residenza, allura jista' jintuża metodu ieħor minbarra dak tas-sigħat tax-xogħol biex ikun determinat jekk parti sostanzjali tal-attività hijiex imwettqa fl-Istat Membru tar-residenza. F'dan ir-rigward huwa ssuġġerit li l-attività tinqasam f'elementi jew inċidenti differenti u jsir ġudizzju dwar il-grad tal-attività fl-istat tar-residenza fuq bażi ta' numru ta' elementi li jseħħu hemmhekk bħala persentaġġ tan-numru totali ta' inċidenti f'perjodu partikolari (kif huwa stabbilit fil-Paragrafu 3, il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata kemm jista' jkun fuq il-mudelli ta' xogħol fuq perjodu ta' 12-il xahar).

Fil-każ tat-trasport tat-triq, il-fokus għandu jkun fuq it-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija u l-pajjiżi differenti fejn dan iseħħ, kif muri fl-eżempju li ġej.

Social Europe

Eżempju:

Sewwieq ta' trakk joqgħod il-Ġermanja u huwa impjegat minn kumpanija Olandiża tat-trasport. L-attivitajiet tal-ħaddiem huma prinċipalment fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-Belġju, il-Ġermanja u l-Awstrija. F'perjodu partikolari, eż. ġimgħa[31], huwa jgħabbi 5 darbiet u jħott it-trakk 5 darbiet. Bħala total hemm 10 elementi (5 tagħbijiet, 5 każijiet ta' ħatt). Matul din il-ġimgħa huwa jgħabbi u jħott darba fil-Ġermanja, l-Istat tar-residenza tiegħu. Dan jammonta għal żewġ elementi li huma ugwali għal 20% tat-total u għalhekk dan huwa indikazzjoni li ma hemmx parti sostanzjali tal-attività mwettqa fl-Istat tar-residenza.

Meta wieħed iqis il-firxa wiesgħa tal-arranġamenti tax-xogħol li jistgħu japplikaw f'dan is-settur, ikun impossibbli li tkun issuġġerita sistema ta' valutazzjoni li tkun tgħodd għaċ-ċirkustanzi kollha. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-parti sostanzjali tal-attività, ir-Regolamenti speċifikament jipprovdu għal valutazzjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-ħlas. Madankollu, ir-Regolamenti jipprovdu biex dawn jintużaw bħala indikaturi fil-qafas tal-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tal-persuna. Għaldaqstant, huwa possibbli għall-istituzzjonijiet magħżulin li huma responsabbli biex jiddeterminaw il-leġiżlazzjoni applikabbli li jużaw miżuri oħra minbarra dawk stabbiliti fir-Regolamenti u f'din il-Gwida li huma jqisu li huma aktar addattati għas-sitwazzjonijiet partikolari li jkunu qegħdin jindirizzaw.

4.a. Kif tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina wara t-28 ta' Ġunju 2012?

Ir-Regolament (UE) Nru 465/2012[32], li japplika mit-28 ta' Ġunju 2012, jirreferi għall-"bażi residenzjali" bħala l-uniku kriterju deċiżiv għad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina[33]. Bl-introduzzjoni tal-kunċett ta' "bażi residenzjali", il-leġiżalatur ħoloq fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 invenzjoni legali bil-għan li jħaffef id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persunal tat-titjiriet. Il-leġiżlazzjoni applikabbli hija direttament marbuta mal-"bażi residenzjali" peress li dan huwa l-post li fih il-persuna tinsab fiżikament u li miegħu għandha rabta mill-qrib f'termini tal-impjieg tagħha.

Għaldaqstant, il-kuntratti l-ġodda kollha konklużi ma' membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina wara t-28 ta' Ġunju 2012 għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-Artikolu 11(5) il-ġdid. Skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, il-leġiżlazzjoni applikabbli għandha tiġi ddeterminata u d-dokument Portabbli A1 għandu jinħareġ mill-Istat Membru li fih tinsab il-"bażi residenzjali", jekk il-persuna kkonċernata għandha bażi residenzjali stabbli unika. Il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira

---

31 Dan il-qafas ta' żmien iservi purament bħala eżempju u ngħażel għal finijiet ta' sempliċità. Ma jippreġudikax id-determinazzjoni tal-perjodu ta' 12-il xahar għal dan il-għan. Dan huwa diskuss fil-Paragrafu 3.

32 Ir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4.

33 Il-bażi residenzjali hija l-post magħżul mill-operatur/mil-linja tal-ajru skont ir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 għall-membru tal-ekwipaġġ bħala l-post li minnu l-membru tal-ekwipaġġ normalment jibda u jtemm perjodu tax-xogħol, jew serje ta' perjodi tax-xogħol, u li fih, f'kundizzjonijiet normali, l-operatur mhuwiex responsabbli għall-akkomodazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ ikkonċernat.

u tal-kabina maħtura qabel it-28 ta' Ġunju 2012 mhumiex affettwati mir-regoli l-ġodda jekk is-sitwazzjoni tagħhom tibqa' l-istess u ma jitolbux sabiex ikunu soġġetti għar-regola l-ġdida (ara l-Paragrafi 15 u 16 ta' din il-Gwida).

Eżempju 1:

Membru tal-ekwipaġġ tal-kabina tinħatar fl-1 ta' Settembru 2012. Hija residenti fil-Belġju u taħdem minn bażi residenzjali f'Eindhoven, il-Pajjiżi l-Baxxi, għal linja tal-ajru li għandha l-uffiċċju rreġistrat fl-Ungerija. Skont ir-regola l-ġdida tal-Artikolu 11(5) hija soġġetta għal-leġiżlazzjoni Olandiża dwar is-sigurtà soċjali. L-istituzzjoni kompetenti tal-Pajjiżi l-Baxxi trid tgħarraf lilha u lill-impjegatur tagħha dwar l-obbligi stipulati fil-leġiżlazzjoni tagħha u trid tipprovdilhom l-assistenza meħtieġa biex iwettqu l-formalitajiet meħtieġa. Fuq, talba tal-persuna kkonċernata jew tal-impjegatur, l-istituzzjoni kompetenti tal-Pajjiżi l-Baxxi trid tipprovdi attestazzjoni[34] li l-leġiżlazzjoni tagħha hija applikabbli u fejn dan ikun xieraq trid tindika sa liema data hija applikabbli u b'liema kundizzjonijiet.

Meta l-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-kabina ikollhom żewġ bażijiet residenzjali jew iktar fi Stati Membri differenti, l-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru ta' residenza għandha tiddetermina l-Istat kompetenti fuq il-bażi tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġi li jinsabu fl-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004[35]. L-istess jgħodd għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina li jitħaddmu għal assenjazzjonijiet suċċessivi qosra ta' ftit xhur biss fi Stati Membri differenti (pereżempju, jiġu reklutati permezz ta' aġenziji tal-impjiegi). Jekk bidlu l-bażijiet residenzjali b'mod regolari fi ħdan perjodu ta' 12-il xahar tal-kalendarju qabel l-aħħar determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli, jew meta jkun probabbli li ser jibdlu l-bażijiet residenzjali b'mod regolari fi żmien it-12-il xahar tal-kalendarju li ġejjin, is-sitwazzjoni tagħhom trid tiġi vvalutata skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament 883/2004. Il-proċedura tal-Artikolu 16 tar-Regolament 987/2009 tapplika għal dawn is-sitwazzjonijiet, u dan ifisser li l-istituzzjoni magħżula fl-Istat Membru ta' residenza għandha tiddetermina l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata.

Eżempju 2:

Bdot li jgħix fi Trier, il-Ġermanja, u jaħdem għal żewġ linji tal-ajru differenti b'uffiċċji rreġistrati fil-Lussemburgu u l-Ġermanja. Il-bażi residenzjali magħżula mil-linja tal-ajru A hija l-Ajruport tal-Lussemburgu u dik magħżula mil-linja tal-ajru B hija l-Ajruport ta' Frankfurt am Main. Skont il-fictio juris mdaħħla mill-Artikolu 11(5) tar-Regolament 883/2004 dan il-bdot jitqies li qed iwettaq attività professjonali fiż-żewġ Stati Membri fejn għandu bażijiet residenzjali - il-Ġermanja u l-Lussemburgu. F'dan il-każ eċċezzjonali ta' żewġ bażijiet residenzjali, il-leġiżlazzjoni applikabbli trid tiġi ddeterminata skont ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġi fl-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004 mill-Istat Membru ta' residenza (l-Artikolu 16 tar-Regolament 987/2009). Dan ifisser li l-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru ta' residenza għandha tivvaluta jekk parti sostanzjali tal-attivitajiet ġenerali tal-bdot issirx fil-Ġermanja. Biex tagħmel dan, għall-persunal tat-titjiriet, l-istituzzjoni tista' tuża l-għadd ta' tluq u nżul u l-postijiet fejn seħħew. Skont l-eżitu ta' din il-valutazzjoni, ser

[34] Id-dokument portabbli A1.
[35] Il-proċedura għad-determinazzjoni ta' leġiżlazzjoni applikabbli hija deskritta fl-Artikolu 16 tar-Regolament 987/2009.

tkun tapplika l-leġiżlazzjoni Ġermaniża jekk parti sostanzjali tal-attivitajiet ġenerali jitwettqu hemm, u jekk le, issir applikabbli l-leġiżlazzjoni tal-Lussemburgu.

Bidla temporanja ta' bażi residenzjali, pereżempju minħabba domanda staġjonali f'ajruporti speċifiċi, jew il-ftuħ ta' "bażi residenzjali" ġdida f'pajjiż ieħor mill-operatur, ma twassalx għal bidla awtomatika tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata. Assenjazzjonijiet qosra jistgħu jiġu indirizzati mid-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar, li jippermettu stazzjonar li jasal sa 24 xahar mingħajr ma jkun hemm raġuni għalfejn tinbidel il-leġiżlazzjoni applikabbli, diment li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet dwar l-istazzjonar[36].

Jekk sitwazzjoni ma tkunx tista' tiġi indirizzata permezz tad-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar u jkun hemm bidla spissa jew regolari tal-bażijiet residenzjali, dan ma għandux iwassal għal bidliet awtomatiċi spissi fil-leġiżlazzjoni applikabli għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina. Mill-Artikolu 14(10) tar-Regolament 987/2009 joħroġ li l-leġiżlazzjoni applikabbli hija vvalutata fuq il-bażi ta' projjezzjoni tax-xogħol għat-12-il xahar tal-kalendarju ta' wara u fil-prinċipju għandha tibqa' stabbli matul dak il-perjodu. Kif spjegat fil-Premessa 18b tar-Regolament 465/2012 u stipulat fil-Paragrafu 6 ta' din il-Gwida, irid jiġi evitat l-hekk imsejjaħ effett "yo-yo". Dan ifisser li d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persunal tat-titjir ma għandhiex tkun soġġetta għal reviżjoni għal perjodu ta' tal-inqas 12-il xahar mill-aħħar deċiżjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli, bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda bidla sostanzjali fis-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata, iżda sempliċi bidla fil-mudelli tax-xogħol tas-soltu.

Eżempju 3:

Aġenzija għall-impjiegi temporanji rreġistrata Ċipru li topera fis-settur tal-avjazzjoni taħtar bdot f'Awwissu li minnufih jintbagħat jaħdem għal linja tal-ajru li topera fi ħdan l-UE. It-titjiriet tal-linja tal-ajru huma skedati skont il-ħtiġijiet tal-industrija tal-ivvjaġġar. Il-linja tal-ajru topera titjiriet minn Spanja u f'Settembru u Ottubru l-bdot ser ikun ibbażat f'Madrid. Wara dak il-perjodu l-bdot ser jintbagħat l-Italja, fejn ser jaħdem għal linja tal-ajru oħra li topera mill-bażi residenzjali f'Ruma, mill-ġdid għal xahrejn oħra. Fi ftit kliem, il-bażi residenzjali tal-bdot tinbidel kull ftit xhur bejn Stati Membri differenti.

Dan hu eżempju ta' sitwazzjoni li fiha japplikaw l-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004 u l-Artikolu 16 tar-Regolament 987/2009 (attivitajiet alternanti mill-bażijiet residenzjali fi Stati Membri differenti fi żmien 12-il xahar tal-kalendarju wara jew qabel id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli). Il-leġiżlazzjoni applikabbli għandha tiġi ddeterminata mill-Istat Membru ta' residenza tal-bdot skont l-Artikolu 13 tar-Regolament 883/2004 u għandha tibqa' stabbli għal tal-inqas 12-il xahar tal-kalendarju wara l-aħħar determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli (ara l-Artikolu 14(10) tar-Regolament 987/2009 u l-Paragrafu 6 ta' din il-Gwida).

L-eżitu tal-Eżempju Nru 2 ikun li l-leġiżlazzjoni applikabbli tiġi ddeterminata mill-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru ta' residenza tal-bdot u skont il-valutazzjoni tal-elementi msemmija fil-Paragrafu 4, issir applikabbli jew il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza jew tal-Istat tal-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tal-impjegatur. Jekk ma jkun hemm l-ebda parti sostanzjali tal-attività fl-Istat Membru ta' residenza u l-impjegatur Ċipriott ikun kumpanija ġenwina kif spjegat fil-Paragrafu 7, tkun

[36] Ara l-Artikolu 12 tar-Regolament 883/2004, Deċiżjoni A2 tal-AC u l-Parti I ta' din il-Gwida.

applikabbli l-leġiżlazzjoni Ċipriotta. Fil-każ ta' persunal tat-titjiriet ferm mobbli mħaddem fis-settur tal-avjazzjoni, pereżempju, permezz ta' aġenziji tal-impjiegi, huwa ssuġġerit li l-leġiżlazzjoni applikabbli tiġi ddeterminata għal perjodu ta' mhux iktar minn 12-il xahar tal-kalendarju biex jiġi żgurat li sseħħ rivalutazzjoni regolari tal-mudelli tax-xogħol tal-persuna u tal-leġiżlazzjoni applikabbli għaliha.

Il-kunċett ta' "bażi residenzjali" għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina huwa kunċett fil-liġi tal-UE. Eżatt bħar-regolament innifsu, l-użu tiegħu fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 bħala punt ta' referenza għad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli huwa limitat għat-territorju tal-UE. Il-kunċett ma jistax jiġi applikat jekk il-persuna kkonċernata – anki jekk din tkun ċittadina tal-UE – ikollha l-bażi residenzjali tagħha barra l-UE, li minnha twettaq titjiriet lejn Stati Membri differenti tal-UE. F'din is-sitwazzjoni, tibqa' tapplika r-regola ġenerali tal-konflitt tal-liġijiet għall-ħidma f'żewġ Stati Membri jew iktar.

Fis-sitwazzjoni li fiha ċittadin tal-UE joqgħod f'pajjiż terz iżda jaħdem bħala membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-kabina minn bażi residenzjali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun kompetenti għall-attivitajiet ġenerali tiegħu fl-UE. Ċittadin ta' pajjiż terz li huwa legalment residenti fi Stat Membru tal-UE u li qed jaħdem bħala membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-kabina minn bażi residenzjali li tinsab fi Stat Membru ieħor jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1231/2010[37]. B'hekk, l-Istat Membru fejn tinsab il-bażi residenzjali isir kompetenti fuq il-bażi tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

5. Fuq liema perjodu għandha tkun ivvalutata attività sostanzjali?

Ara l-Punt 3. Kif hija ddefinita "attività sostanzjali"

6. X'għandu jiġri meta rosters tax-xogħol jew mudelli tax-xogħol ikunu soġġetti għal bidla?

Huwa rikonoxxut li arranġamenti ta' xogħol, eż. għall-ħaddiema fit-trasport internazzjonali, jistgħu jkunu soġġetti għal bidla frekwenti. Ma jkunx prattiku, u lanqas fl-interessi tal-persuna, li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni applikabbli kull darba li jinbidel ir-roster tax-xogħol tagħhom. Għaldaqstant, meta ssir deċiżjoni dwar leġiżlazzjoni applikabbli din, fil-prinċipju u jekk l-informazzjoni mogħtija mill-impjegatur jew mill-persuna kkonċernata kienet korretta sa fejn jafu huma, ma għandhiex tkun soġġetta għal reviżjoni f'perjodu ta' mill-inqas it-12-il xahar ta' wara. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-istituzzjoni li tirrevedi deċiżjoni fejn hija tikkunsidra li din ir-reviżjoni hija ġġustifikata.

L-għan huwa li tkun assigurata stabilità legali u li jkun evitat l-hekk imsejjaħ effett "yo-yo", speċjalment għal ħaddiema li huma mobbli ħafna, bħal dawk fis-settur tat-trasport internazzjonali.

Għaldaqstant:

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom, ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010").

- Il-leġiżlazzjoni applikabbli skont l-Artikolu 13 (1) tar-Regolament 883/2004 għandha tkun stabbilita u fil-prinċipju tibqa' stabbli għat-12-il xahar kalendarju li jmiss;
- Għandha titqies is-sitwazzjoni futura mbassra għat-tnax-il xahar kalendarju li jmiss. Is-sitwazzjoni preżunta tal-ġejjieni hija bbażata fuq l-eżitu ta' valutazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg flimkien ma' kwalunkwe attivitajiet li jista' jiġi previst li l-persuna ser tkun qed twettaq fiż-żmien meta jintalab iċ-ċertifikat A1 (ara l-Paragrafu 2 iktar 'il fuq);
- Jekk ma jkunx hemm indikazzjonijiet li l-mudelli tax-xogħol se jinbidlu sostanzjalment fit-12-il xahar li ġejjin, l-istituzzjoni magħżula għandha tibbaża l-valutazzjoni ġenerali fuq il-kuntratti u t-twettiq tax-xogħol matul it-12-il xahar li għaddew u tuża dan biex tipproġetta s-sitwazzjoni għat-12-il xahar li ġejjin;
- Madankollu, jekk il-persuna kkonċernata tkun tal-opinjoni li s-sitwazzjoni b'rabta mal-mudell tax-xogħol tagħha nbidlet jew se tinbidel sostanzjalment, din il-persuna tista' titlob valutazzjoni mill-ġdid jew l-impjegatur tagħha jista' jitlob valutazzjoni mill-ġdid tal-leġiżlazzjoni applikabbli, qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 12-il xahar;
- Jekk ma kienx hemm twettiq tax-xogħol fil-passat jew ir-relazzjoni tal-impjieg iddum għal inqas minn 12-il xahar, l-unika soluzzjoni possibbli hija li tintuża d-dejta diġà disponibbli u li l-persuni kkonċernati jintalbu jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti. Fil-prattika, dan ser iwassal għall-użu tal-mudelli tax-xogħol stabbiliti sa mill-bidu tar-relazzjoni tax-xogħol, jew il-preżunzjoni dwar l-attività tax-xogħol għat-12-il xahar li ġejjin.

Ta' min jinnota li l-arranġamenti stabbiliti f'din it-taqsima huma marbuta biss mal-mudell tax-xogħol ta' persuna. Jekk kwalunkwe bidla sinifikanti oħra sseħħ fis-sitwazzjoni tal-persuna matul il-perjodu tat-12-il xahar wara li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli; eż. bidla fl-impjieg jew fir-residenza, il-persuna u/jew l-impjegaturi tagħhom, jew l-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru fejn il-persuna twettaq l-attivitajiet tagħha, huma meħtieġa jinnotifikaw lill-istituzzjoni magħżula tal-Istat ta' residenza sabiex il-kwistjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli tkun tista' tiġi riveduta. L-istituzzjoni magħżula trid terġa' tikkonsidra d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Kif diġà kien indikat, ovvjament dejjem hemm il-possibbiltà għall-istituzzjoni magħżula li tirrevedi deċiżjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli fejn hija tikkunsidra li tali reviżjoni hija ġġustifikata. Jekk l-informazzjoni mogħtija matul il-proċess inizjali biex tkun determinata l-leġiżlazzjoni applikabbli ma kinitx intenzjonalment ħażina allura kwalunkwe bidliet li jsiru wara t-tali reviżjoni għandhom biss jidħlu fis-seħħ minn data kurrenti.

7. Kif jiġu ddeterminati l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali?

Meta persuna taħdem f'aktar minn Stat Membru wieħed ma twettaqx parti sostanzjali tal-attività tagħha fl-Istat Membru tar-residenza, allura tkun applikabbli l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tal-impjegatur jew l-impriża li timpjegaha.

It-tifsira tat-terminu "**uffiċċju rreġistrat jew sede prinċipali**" għall-fini tat-Titolu II tar-Regolament 883/2004 ġiet iddefinita fl-Aritkolu 14 (5a) tar-Regolament 987/2009 bħala l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali fejn jiġu adottati d-deċiżjonijiet essenzjali tal-impriża u fejn jitwettqu l-funzjonijiet tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha.

Din id-definizzjoni ġejja minn gwida estensiva fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u minn regolamenti oħrajn tal-UE. Bħala prinċipju ġenerali, operazzjonijiet "brass plate", fejn l-assigurazzjoni soċjali tal-ħaddiema tkun marbuta ma' kumpanija purament amministrattiva mingħajr ma jkunu ttrasferiti setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ma għandhomx ikunu aċċettati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti f'dan il-qasam. Il-linji gwida li ġejjin huma mfassla biex jassistu lill-istituzzjonijiet biex jivvalutaw applikazzjonijiet fejn huma jħossu li jistgħu qed ikunu jittrattaw ma' operazzjoni "brass plate".

F'każ marbut mal-qasam tat-tassazzjoni (il-Kawża C-73/06 *Planzer Luxembourg*), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-terminu "sede prinċipali " ifisser il-post fejn huma adottati d-deċiżjonijiet essenzjali li jikkonċernaw it-tmexxija ġenerali ta' kumpanija u fejn huma mwettqa l-funzjonijiet tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja elaborat fuq dan fit-termini li ġejjin:

> "Id-determinazzjoni ta' fejn tinsab is-sede tal-attività ekonomika ta' kumpannija timplika l-kunsiderazzjoni ta' numru ta' fatturi, l-ewwel fosthom hemm l-uffiċċju rreġistrat, il-post tal-amministrazzjoni ċentrali, il-post fejn jiltaqgħu d-diriġenti tal-kumpannija u dak, li normalment ikun l-istess, fejn tiġi deċiża l-politika ġenerali ta' din il-kumpannija. Elementi oħra, bħal ma huma d-domiċilju tad-diriġenti prinċipali, il-post fejn tiltaqa' l-assemblea ġenerali, fejn jinżammu d-dokumenti amministrattivi u tal-kontabilità u l-post prinċipali fejn isiru l-attivitajiet finanzjarji, partikolarment dawk bankarji, jistgħu wkoll jittieħdu f'kunsiderazzjoni[38]".

Bħala speċifikazzjoni tad-definizzjoni fl-Artikolu 14 (5a) tar-Regolament 987/2009, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-kriterji li ġejjin, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli jew, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet fl-Istat Membru fejn l-impjegatur ikollu l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali tiegħu:

- il-post fejn l-impriża għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha u l-amministrazzjoni tagħha;
- kemm żmien l-impriża ilha stabbilita fl-Istat Membru;
- in-numru ta' persunal amministrattiv li jaħdem fl-uffiċċju inkwistjoni;
- il-post fejn isiru l-biċċa l-kbira tal-kuntratti mal-klijenti;
- l-uffiċċju li jiddetta l-politika tal-kumpanija u kwistjonijiet operattivi;
- il-post fejn il-funzjonijiet finanzjarji, inkluża l-attività bankarja, huma lokalizzati;
- il-post magħżul skont ir-regolamenti tal-UE bħala l-post responsabbli għall-immaniġġjar u ż-żamma ta' rekords b'rabta mal-konformità regolatorja ta' dik l-industrija partikolari li fiha qed tipparteċipa l-impriża;
- il-post fejn huma reklutati l-ħaddiema.

Jekk, wara li kkunsidraw il-kriterji stabbiliti hawn fuq, l-istituzzjonijiet ma jkunux f'pożizzjoni li jeliminaw il-possibbiltà li l-uffiċċju rreġistrat huwa operazzjoni "brass plate", allura l-persuna kkonċernata għandha tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment li miegħu hija għandha l-eqreb rabta f'termini tat-twettiq tal-attività impjegata[39]. Dak l-istabbiliment għandu jitqies li huwa l-uffiċċju

[38] Kawża C-73/06, Planzer Luxembourg, [2007] Ġabra.p. I-5655, paragrafu 61.

[39] Ara wkoll fil-Kawża C-29/10 *Koelzsch* [2011], li għadha mhijiex ippubblikata, il-paragrafi 42-45. Fil-każ ta' trasport bit-triq, ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (fis-seħħ mill-4 ta' Diċembru 2011) jeħtieġ, fost l-oħrajn, li l-impriżi "li jeżerċitaw il-professjoni ta' operaturi tat-trasport

rreġistrat jew is-sede prinċipali li qed timpjega lill-persuna kkonċernata għall-finijiet tar-Regolamenti.

Għall-finijiet ta' din id-determinazzjoni, wieħed ma għandux jinsa li dan l-istabbiliment attwalment *jimpjega* lill-persuna kkonċernata, u li teżisti relazzjoni diretta mal-persuna fis-sens tal-Parti I, Paragrafu 4 ta' din il-Gwida.

8. Xi proċeduri għandhom ikunu segwiti minn persuna fl-eventwalità li huwa/hija qed taħdem f'żewġ Stati Membri jew aktar?

Persuna normalment impjegata f'żewġ Stati Membri jew aktar għandha tinnotifika din is-sitwazzjoni lill-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru fejn għandha r-residenza tagħha[40]. Istituzzjoni fi Stat Membru ieħor li tirċievi notifikazzjoni bi żball għandha, mingħajr dewmien, tgħaddi tali informazzjoni lill-istituzzjoni magħżula fl-Istat Membru tar-residenza tal-persuna. Fejn ikun hemm differenza fil-fehmiet bejn l-istituzzjonijiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar dwar fejn il-persuna kkonċernata hija residenti, dan għandu jissolva l-ewwel bejn l-istituzzjonijiet bl-użu ta' proċedura rilevanti u l-SEDs[41] biex ikun determinat l-Istat Membru tar-residenza.

L-istituzzjoni magħżula fl-**Istat Membru tar-residenza** għandha tiddetermina liema leġiżlazzjoni tal-Istat Membru hija applikabbli filwaqt li tqis il-proċeduri stabbiliti f'din il-Gwida. Din id-determinazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien u għandha inizjalment tkun fuq bażi proviżorja. L-istituzzjoni fil-post tar-residenza għandha mbagħad tinforma lill-istituzzjonijiet magħżulin f'kull Stat Membru fejn titwettaq attività u fejn huwa lokalizzat l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede prinċipali dwar id-determinazzjoni tagħha bl-użu tal-SEDs xierqa. Il-leġiżlazzjoni applikabbli għandha ssir definittiva jekk ma tkunx ikkontestata fi żmien xahrejn minn meta l-istituzzjonijiet magħżulin jkunu informati bid-determinazzjoni mill-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru tar-residenza.

Fejn il-leġiżlazzjoni li għandha tkun applikata diġà ġiet miftiehma bejn l-Istati Membri kkonċernati fuq il-bażi tal-Artikolu 16 (4) tar-Regolament 987/2009 tista' tittieħed deċiżjoni definittiva mill-bidu. Fit-tali ċirkustanzi r-rekwiżit li tinħareġ deċiżjoni proviżorja ma japplikax.

L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li huwa ddeterminat li l-leġiżlazzjoni tiegħu hija applikabbli għandha mingħajr dewmien tinforma lill-persuna kkonċernata dwar dan il-fatt. L-istituzzjoni tista' jew tuża ittra jew id-Dokument Portabbli A1 (ċertifikat li jafferma l-leġiżlazzjoni applikabbli[42]). Jekk l-istituzzjoni kompetenti toħroġ PD A1 biex tinforma lill-persuna dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli, tista' tagħmel dan jew fuq bażi proviżorja jew definittiva. Jekk l-istituzzjoni toħroġ PD A1 biex tindika li d-determinazzjoni hija proviżorja, hija għandha toħroġ PD A1 ġdida lill-persuna kkonċernata meta d-determinazzjoni saret definittiva.

Istituzzjoni tista' wkoll tagħżel li immedjatament toħroġ PD A1 biex tinforma lill-persuna kkonċernata. Madanakollu, jekk il-kompetenza ta' dan l-Istat Membru tkun ikkontestata u l-kompetenza finali tvarja minn dik inizjali kif determinat mill-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru tar-residenza, allura l-PD A1 għandu jkun irtirat

bit-triq għandhom ikollhom stabbiliment effettiv u stabbli fi Stat Membru". Dan jeħtieġ bini li fih jinstabu d-dokumenti relatati man-negozju ewlieni, il-kontabilità, il-ġestjoni tal-persunal, il-ħin tas-sewqan u l-mistrieħ, u kwalunkwe dokument ieħor li l-awtorità kompetenti jrid ikollha aċċess għalih sabiex tivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

[40] Lista tal-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri tinsab fuq http://ec.europa.eu/employment_social/social-security-directory/

[41] SED = structured electronic document. Ara l-Artikolu 4 tar-Regolament 987/2009.

[42] Ara l-Artikolu19 (2) tar-Regolament 987/2009

immedjatament u mibdul b'PD A1 maħruġ mill-Istat Membru li fl-aħħarnett ikun determinat bħala kompetenti. Aktar informazzjoni dwar il-PD A1 tista' tinstab fil-Linji Gwida dwar l-użu tad-Dokumenti Portabbli[43].

Persuna normalment impjegata f'żewġ Stati Membri jew aktar li tonqos milli tinnotifika dwar din is-sitwazzjoni lill-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru fejn għandha r-residenza tkun ukoll soġġetta għall-proċeduri tal-Artikolu 16 tar-Regolament 987/2009 hekk kif l-istituzzjoni fl-Istat Membru tar-residenza tkun mgħarrfa bis-sitwazzjoni tal-persuna.

9. X'jiġri fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom li normalment jaħdmu għal rashom f'żewġ Stati Membri jew aktar?

Hemm regola speċjali għall-persuni li normalment jaħdmu għal rashom f'żewġ Stati Membri jew aktar li tipprovdi li persuna li normalment taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar hija soġġetta għal:

- leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tar-residenza jekk hija twettaq parti sostanzjali tal-attività tagħha f'dak l-Istat Membru;
- leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn huwa lokalizzat iċ-ċentru tal-interess jekk ma għandhiex residenza fi Stat Membru wieħed fejn twettaq parti sostanzjali tal-attività tagħha.

Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-attività sostanzjali huma mfissra fil-Paragrafi 11 u 13.

10. Persuna, meta tista' titqies li normalment qed twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar?

Persuna li "normalment twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar" tfisser b'mod partikolari persuna li fl-istess ħin jew b'mod alternanti teżerċita attività waħda separata jew aktar fejn taħdem għal rasha fit-territorji ta' żewġ Stati Membri jew aktar. In-natura tal-attivitajiet ma għandhiex importanza biex issir din id-determinazzjoni. Madanakollu, attivitajiet marġinali jew anċillari li huma insinifikanti f'termini ta' żmien u dħul ekonomiku, ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli fuq il-bażi tat-Titolu II tar-Regolament 883/2004[44]. L-attivitajiet jibqgħu rilevanti għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tas-sigurtà soċjali; jekk l-attività marġinali tiġġenera affiljazzjoni ta' sigurtà soċjali, allura l-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu fl-Istat Membru kompetenti għad-dħul ġenerali mill-attivitajiet kollha.

Għandha tingħata attenzjoni biex ma ssirx konfużjoni bejn stazzjonar temporanju li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 12 (2) tar-Regolament 883/2004 u d-dispożizzjonijiet marbuta ma' xi ħadd li jwettaq attività simili f'żewġ Stati Membri jew aktar. Fl-ewwel każ, il-persuna tkun qed twettaq attività fi Stat Membru ieħor għal perjodu ta' darba u għal perjodu finit. Fl-aħħar każ, l-attivitajiet fi Stati Membri differenti huma parti normali ta' kif il-persuna li taħdem għal rasha teżerċita l-attività ekonomika tagħha.

[43] Ara http://ec.europa.eu/social/
[44] L-Artikolu 14(5b) tar-Regolament 987/2009 jistabbilixxi li l-attivitajiet marġinali għandhom jitwarrbu għas-sitwazzjonijiet kollha koperti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 883/2004.

Social Europe

11. Kif hija definita parti sostanzjali ta' attività ta' persuna li taħdem għal rasha?

'Parti sostanzjali ta' attività ta' persuna li taħdem għal rasha' imwettqa fi Stat Membru tar-residenza tfisser li parti kwantitattivament sostanzjali tal-attivitajiet kollha tal-persuna li taħdem għal rasha titwettaq hemmhekk, mingħajr ma neċessarjament tkun il-parti maġġuri ta' dawn l-attivitajiet.

Għall-għanijiet tad-determinazzjoni jekk parti sostanzjali tal-attività ta' persuna li taħdem għal rasha titwettaqx fi Stat Membru, **għandu** jitqies:

- il-fatturat;
- il-ħin tax-xogħol;
- in-numru ta' servizzi mogħtija; u/jew
- id-dħul.

Jekk fil-kuntest tat-twettiq ta' valutazzjoni ġenerali jirriżulta li hija ssodisfatta ta' mill-inqas parti minn 25% tal-kriterji msemmija hawn fuq, dan huwa indikatur li parti sostanzjali tal-attivitajiet kollha tal-persuna huma mwettqa fl-Istat Membru tar-residenza.

Filwaqt li huwa obbligatorju li jitqiesu dawn il-kriterji, din mhijiex lista eżawrjenti u jistgħu jitqiesu kriterji oħrajn.

Eżempju:

> Il-bennej X iwettaq attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha fl-Ungerija, fejn huwa għandu wkoll ir-residenza tiegħu. Kultant matul tmiem il-ġimgħa huwa jagħti servizz ukoll bħala persuna li taħdem għal rasha lil kumpanija agrikola fl-Awstrija. Il-bennej X qed jaħdem 5 ijiem fil-ġimgħa fl-Ungerija u massimu ta' jumejn fl-Awstrija. X għalhekk iwettaq parti sostanzjali tal-attivitajiet tiegħu fl-Ungerija u l-leġiżlazzjoni Ungeriża hija applikabbli.

12. Xi proċeduri għandhom ikunu segwiti minn persuna li taħdem għal rasha fl-eventwalità li hija taħdem f'żewġ Stati Membri jew aktar?

Il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti biex tkun determinata l-leġiżlazzjoni applikabbli għal persuna li qed taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar huma l-istess bħal dawk li japplikaw għal persuna impjegata kif stabbiliti fil-Paragrafu 8 hawn fuq. Il-persuna li taħdem għal rasha għandha tikkuntattja lill-istituzzjoni fl-Istat Membru tar-residenza fuq l-inizjattiva tagħha.

13. Xi kriterji japplikaw fid-determinazzjoni ta' fejn huwa lokalizzat iċ-ċentru tal-interess?

Jekk persuna ma jkollhiex residenza fi Stat Membru wieħed fejn twettaq parti sostanzjali tal-attività tagħha, hija għandha tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn huwa lokalizzat iċ-ċentru tal-interess tal-attività tagħha.

Iċ-ċentru tal-interess tal-attivitajiet għandu jkun iddeterminat billi jitqiesu l-aspetti kollha tal-attivitajiet okkupazzjonali tal-persuna, notevolment **il-kriterji li ġejjin**:

- il-lokalità fejn jinsab il-bini fiss u permanenti minn fejn il-persuna kkonċernata twettaq l-attivitajiet tagħha;
- in-natura abitwali tat-tul tal-attivitajiet imwettqa;
- in-numru ta' servizzi mogħtija; u
- l-intenzjoni tal-persuna kkonċernata kif muri miċ-ċirkustanzi kollha.

Flimkien mal-kriterji msemmija hawn fuq, sabiex jiġi ddeterminat liema leġiżlazzjoni ta' Stat Membru għandha tapplika, għandha titqies ukoll is-sitwazzjoni futura preżunta fit-12-il xahar kalendarji li jmiss. Tista' titqies ukoll il-prestazzjoni fil-passat minħabba li tagħti stampa affidabbli tal-attività tal-persuna li taħdem għal rasha.

Eżempju:

> Is-Sinjura XY taħdem għal rasha. Hija twettaq 60% tal-attivitajiet tagħha fl-Awstrija u taħdem ukoll għal rasha fis-Slovakkja għal 40% tal-ħin tax-xogħol tagħha. Hija għandha r-residenza tagħha fl-Awstrija. Il-leġiżlazzjoni Awstrijaka hija applikabbli minħabba li hija twettaq parti sostanzjali tal-attivitajiet tagħha fl-Istat Membru ta' residenza tagħha.
>
> Is-Sinjur Z jaħdem għal rasu. Huwa jwettaq parti mill-attivitajiet tiegħu fil-Belġju u parti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Huwa joqgħod il-Ġermanja. Huwa ma għandu l-ebda bini permanenti fiss. Madanakollu, huwa jaħdem l-aktar fil-Pajjiżi l-Baxxi u jaqla' l-maġġoranza tad-dħul tiegħu hemmhekk. Hija l-intenzjoni tiegħu li jibni l-attività ekonomika tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi u qiegħed fil-proċess li jikseb bini permanenti. Għad li s-Sur Z ma jwettaqx parti sostanzjali tal-attività tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi, kif muri miċ-ċirkustanzi inklużi l-pjanijiet futuri tiegħu, għandu l-intenzjoni li jagħmel lill-Pajjiżi l-Baxxi ċ-ċentru tal-interess tal-attività tiegħu. Is-Sur Z hwua soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi.

14. X'inhi s-sitwazzjoni fir-rigward ta' persuna li hija kemm impjegata kif ukoll taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti?

Persuna li normalment twettaq attività bħala persuna impjegata u attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti għandha tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn hija qed twettaq attività bħala persuna impjegata. Jekk, minbarra li tkun taħdem għal rasha, hija twettaq attività bħala persuna impjegata f'aktar minn Stat Membru wieħed, għandhom japplikaw il-kriterji tal-Artikolu 13 (1) tar-Regolament 883/2004 stabbiliti fil-Paragrafu 1 iktar 'il fuq, sabiex jiġi ddeterminat liema Stat Membru huwa kompetenti għall-attività mwettqa bħala persuna impjegata.

Parti III: Determinazzjoni ta' residenza

1. F'liema każijiet ir-"residenza" ta' persuna għandha rwol skont ir-Regolament 883/2004?

Ir-regoli tal-kunflitt dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 huma prinċipalment ibbażati fuq il-prinċipju tal-*lex loci laboris*. Dan ifisser li, bħala regola ġenerali, kwalunkwe persuna li tkun qed twettaq attività bħala impjegata jew b'xogħol għal rasha fi Stat Membru għandha tkun l-ewwel nett

Social Europe

suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat fejn effettivament isseħħ l-attività ekonomika (Artikolu 11(3)(a) tar-Regolament 883/2004).

Il-*Lex domicilii,* jiġifieri l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż ta' residenza, għandha madankollu tapplika,

- meta persuna ma twettaqx attività ekonomika (pereżempju, pensjonanti, tfal, studenti) skont l-Artikolu 11(3)(e) tar-Regolament 883/2004 jew
- meta persuna twettaq attivitajiet ekonomiċi f'żewġ Stati Membri jew aktar jew meta ħaddiem għandu aktar minn bniedem wieħed li jħaddmu (Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004)[45].

Ir-"residenza" għandha wkoll rwol ewlieni bħala regola ta' konflitt f'każ ta' possibbiltà ta' dupplikazzjoni ta' benefiċċji:

Artikolu 17:	dritt għall-benefiċċji ta' mard in natura f'każ ta' residenza fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' Kompetenza;
Artikolu 23:	dritt għall-benefiċċji ta' mard in natura għall-pensjonanti;
Artikolu 58:	għoti ta' suppliment;
Artikolu 65:	dritt għall-benefiċċji tal-qgħad f'każ ta' persuna bla xogħol li kienet tgħix fi Stat Membru għajr l-Istat kompetenti;
Artikolu 67:	dritt għall-benefiċċji tal-familja għall-membri tal-familja li għandhom residenza fi Stat Membru ieħor;
Artikolu 68:	regoli ta' prijorità f'każ ta' intitolament iddupplikat ta' benefiċċji tal-familja;
Artikolu 70:	benefiċċji nonkontributorji speċjali f'kontanti.

2. Kif inhuwa ddefinit it-terminu "residenza"?

L-Artikoli 1(j) u (k) tar-Regolament 883/2004 jagħmlu distinzjoni bejn "residenza" u "permanenza": Residenza hija ddefinita bħala l-post fejn persuna tirrisjedi *abitwalment* filwaqt li permanenza tfisser residenza *temporanja*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja sosniet li l-Istat Membru ta' "residenza" f'dak il-kuntest huwa "l-Istat li fih il-persuni kkonċernati jirrisjedu abitwalment kif ukoll fejn ikun iċ-ċentru abitwali tal-interessi tagħhom." Hija żiedet illi "[f']dak il-kuntest, għandu jittieħed kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni familjari tal-persuna impjegata; ir-raġunijiet l-għala ċċaqalqet; it-tul ta' żmien u l-kontinwità tar-residenza tagħha; il-fatt (fejn dan ikun il-każ) li hija f'impjieg stabbli; u t-tir tagħha kif jidher miċ-ċirkostanzi kollha".[46]

Iċ-ċentru abitwali tal-interessi jrid jiġi ddeterminat abbażi tal-fatti, bil-konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha li jwasslu għall-għażla vera ta' pajjiż minn persuna bħala l-pajjiż tal-Istat ta' residenza tagħha.[47]

Dan il-fehim tat-terminu "residenza" għandu tifsira mal-Unjoni kollha[48], jiġifieri japplika *per definitionem* b'mod identiku fil-każ tal-benefiċċji kollha għall-finijiet tal-

[45] Kemm-il darba ma jkunux deċiżivi elementi oħra skont dak l-Artikolu.
[46] Il-każ C-90/97 *Swaddling* [1999] ECR I-1075, il-paragrafu 29.
[47] Il-każ C-76/76 *Di Paolo* [1977] ECR 315, il-paragrafi 17 to 20, u l-każ C-102/91 *Knoch* [1992] ECR I-4341, il-paragrafi 21 and 23.
[48] Il-każ C-90/97 *Swaddling* [1999] ECR I-1075, il-paragrafu 28.

applikazzjoni tar-Regolament 883/2004 u r-Regolament 987/2009[49]. Dan ifisser li kull meta dawn iż-żewġ Regolamenti jirreferu għat-terminu "residenza", din id-definizzjoni Ewropea tapplika b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet kollha fir-Regolamenti li huma maħsuba biex isolvu konflitti possibbli tal-liġi.

Madankollu, billi dawn iż-żewġ Regolamenti ma jarmonizzawx is-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri iżda jikkoordinawhom biss, l-Istati Membri jistgħu fil-prinċipju jistipulaw (fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom) kondizzjonijiet addizzjonali għall-intitolament għal benefiċċju speċifiku jew kopertura f'sistema ta' sigurtà soċjali partikolari, sa fejn dawn il-kriterji jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, mal-prinċipju bażiku ta' trattament indaqs u nondiskriminazzjoni tal-persuni migranti. Fejn dawn il-kondizzjonijiet addizzjonali huma marbuta ma' perjodi minimi ta' residenza, l-Artikolu 6 tar-Regolament 883/2004 jeżiġi li l-perjodi mwettqa fi Stati Membri oħra jitqiesu sa fejn hu meħtieġ.

Jistgħu jirriżultaw kondizzjonijiet addizzjonali mill-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali teżiġi ir-"residenza" fl-Istat Membru b'konformità mad-definizzjoni nazzjonali ta' "residenza". Definizzjoni nazzjonali bħal din tista' teħtieġ anqas kriterji, jew kriterji differenti jew aktar, pereżempju għall-intitolament għal benefiċċju, li dawn ukoll iridu jkunu skont l-liġi tal-UE.[50]

It-terminu "permanenza"[51] huwa kkaratterizzat mill-karattru temporanju u mill-intenzjoni tal-persuna li tirritorna fil-post ta' residenza tagħha hekk kif l-għan ewlieni tal-permanenza f'pajjiż ieħor ikun intlaħaq. Il-"permanenza" għalhekk teħtieġ preżenza fiżika tal-persuna kkonċernata barra mill-post abitwali ta' residenza tagħha.

Billi r-regoli dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli huma bbażati fuq il-prinċipju li kwalunkwe persuna li tidħol taħt l-ambitu tar-Regolamenti għandha tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss[52], wieħed jista' jasal għall-konklużjoni minn dan il-prinċipju li din il-persuna jista' jkollha biss post wieħed ta' residenza fi ħdan it-tifsira tar-Regolamenti[53].

Wieħed jista' wkoll jasal għall-konklużjoni li din il-persuna jrid ikollha post ta' residenza, għaliex inkella jista' jinħoloq konflitt negattiv rigward il-leġiżlazzjoni applikabbli, u dan huwa dak li r-Regolamenti ma jridux.

Dan il-post ta' residenza mhux bilfors irid jinsab fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tar-Regolamenti, jiġifieri jista' jkun ukoll f'pajjiż terz (pereżempju fil-każ ta' rappreżentant ta' negozju jew ħaddiem ieħor b'indirizz permanenti f'pajjiż terz li jivvjaġġa minħabba għanijiet ta' negozju fi Stati Membri differenti iżda li bejn vjaġġ u ieħor jirritorna f'pajjiżu [54]).

3. Kriterji għad-determinazzjoni tal-post ta' residenza

Abbażi tal-kriterji biex jiġi ddeterminat il-post ta' residenza fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu1(j) tar-Regolament 883/2004 identifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur, fl-Artikolu 11 tar-Regolament 987/2009 stipula regola li l-għan tagħha kien li jippermetti d-determinazzjoni tal-post ta' residenza ta' persuna "[f]ejn hemm differenza ta' opinjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar". L-għan ta' dan l-Artikolu

---

[49] Il-kunċett tat-terminu "residenza" huwa l-istess għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti 1408/71 u 574/72.
[50] Dwar l-introduzzjoni ta' test dwar id-dritt ta' residenza, ara l-każ C-140/12 *Brey*, li dwaru għad ma hemmx rapport, u aktar ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-kwistjoni.
[51] Jew kull forma ta' preżenza fi Stat Membru li mhix residenza abitwali.
[52] L-Artikolu 11(1) tar-Regolament 883/2004.
[53] Il-każ C-589/10 *Wencel*, li dwaru għad ma hemmx rapport, il-paragrafi 43 sa 51.
[54] Il-każ C-13/73 *Hakenberg* [1973] ECR 935, il-paragrafi 29 sa 32.

l-ġdid huwa li jipprovdi għodda li tiżgura li, fil-każ eċċezzjonali li żewġ istituzzjonijiet ma jistgħux jaqblu dwar il-post ta' residenza, dejjem madankollu se jkun hemm Stat Membru wieħed li jista' jiġi identifikat bħala l-istat ta' residenza.

Sabiex jiġi ddeterminat **iċ-ċentru ta' interessi** ta' persuna, dawn l-istituzzjonijiet, skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, iridu jwettqu "valutazzjoni ġenerali" b'mod konġunt tal-informazzjoni kollha disponibbli marbuta mal-fatti rilevanti, li fosthom jista' jkun hemm diversi kriterji skont kif xieraq.

Il-**kriterji għad-determinazzjoni tar-residenza** huma espliċitament noneżawrjenti "b'mod partikolari" fil-kliem tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ *Swaddling*, u "jistgħu jinkludu", kif muri bl-Artikolu 11 tar-Regolament 987/2009), u japplikaw kull meta jrid jiġi ddeterminat il-post ta' residenza ta' persuna:

- is-sitwazzjoni familjari (l-istatus familjari u l-irbit familjari);
- it-tul ta' żmien u l-permanenza fl-Istat Membru kkonċernat;[55]
- il-qagħda tal-impjieg (in-natura u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull attività mwettqa, b'mod partikolari l-post fejn din l-attività titwettaq abitwalment, l-istabbiltà tal-attività, u t-tul ta' żmien tal-kuntratt tax-xogħol);
- l-eżerċizzju ta' attività mingħajr ħlas;
- fil-każ tal-istudenti, minn fejn joriġina d-dħul tagħhom;
- is-sitwazzjoni tal-abitazzjoni, b'mod partikolari kemm hija permanenti;
- l-Istat Membru li fih il-persuna titqies li tgħix għal finijiet ta' taxxi;
- ir-raġunijiet l-għala l-persuna tkun iċċaqalqet;
- l-intenzjoni kif tidher miċ-ċirkostanzi kollha.

Dawn il-kriterji jiddistingwu bejn l-elementi marbuta mal-karatteristiċi oġġettivi tar-residenza abitwali bħat-tul ta' żmien u l-permanenza fit-territorju ta' Stat Membru u l-fatturi li japplikaw għas-sitwazzjoni ta' persuna. Dawn il-fatturi kollha huma purament kriterji fattwali, jiġifieri jridu jiġu vvalutati tkun xi tkun il-legalità tagħhom, (pereżempju, in-natura u l-karatteristiċi speċifiċi ta' attività bi ħlas għandhom ukoll rwol fil-każ ta' impjieg illegali).

L-intenzjoini tal-persuna kkonċernata trid tiġi vvalutata "kif tidher miċ-ċirkustanzi kollha". Dan ifisser li trid tkun sostnuta minn xhieda fattwali, jiġifieri tista' titqies biss fejn tkun sostnuta minn fatti oġġettivi u miċ-ċirkustanzi. Mhix biżżejjed sempliċi stqarrija li persuna tqis jew tixtieq li jkollha r-residenza tagħha f'xi post speċifiku.

Fejn japplika l-Artikolu 11 tar-Regolament 987/2009, jiġifieri f'każijiet ta' differenza ta' opinjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar dwar id-determinazzjoni tar-residenza ta' persuna, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament 987/2009 jistipula li l-intenzjoni tal-persuna kkonċernata hija dik li tiddeċiedi, jiġifieri f'każ fejn il-konsiderazzjoni tal-kriterji varji bbażati fuq fatti rilevanti ma twassalx għal sitwazzjoni ċara.

Persuna li tiċċaqlaq lejn pajjiż ieħor mingħajr ma żżomm xi rabtiet sostanzjali mal-pajjiż tagħha tal-oriġini ma tistax titqies iktar bħala "residenti" f'dan il-pajjiż anke meta għandha l-intenzjoni li tmur lura fih. Dan japplika, pereżempju, meta l-persuna li titlaq ma tħalli ebda membru tal-familja tagħha, dar jew appartament mikri jew xi indirizz li jidher fuqha fil-pajjiż ta' oriġini.

L-elementi jew il-kriterji għad-determinazzjoni tar-residenza identifikati hawn fuq mhumiex eżawrjenti. Huma applikabbli biss "fejn xieraq", jiġifieri mhux il-kriterji kollha

[55] Madankollu, mhuwiex possibbli li jintalab ċertu perjodu minimu ta' residenza, il-Każ C-90/97 *Swaddling* [1999] ECR I-1075, il-paragrafu 30.

Social Europe

jistgħu jintużaw fis-sitwazzjonijiet kollha. Qed jittieħdu mill-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikolu 11(1) tar-Regolament 987/2009, iżda kriterji oħra jista' jkollhom rwol importanti wkoll.

Ta' spiss, l-istituzzjonijiet sempliċement jassumu li l-post ta' residenza u l-post li fih il-persuna ddikjarat li għandha d-domiċilju tagħha huma identiċi. Iżda, għalkemm ir-reġistrazzjoni tista' tittieħed bħala indikazzjoni tal-intenzjoni ta' persuna, bl-ebda mod ma hija deċiżiva u lanqas ma tista' tintuża bħala prekondizzjoni biex jiġi aċċettat li persuna tirrisjedi f'post speċifiku.

Għalkemm il-kriterji varji identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja u li jinsabu fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament 987/2009 mhux dejjem iġorru l-istess piż jew għandhom l-istess importanza, mill-banda l-oħra ma hemmx xi ġerarkija bejniethom. Ma jeżisti ebda kriterju faċli u ta' malajr, li jista' jittieħed bħala deċiżiv, iżda kull każ individwali jrid jiġi vvalutat skont il-karatteristiċi individwali tiegħu abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti.

4. Xi eżempji dwar kif id-determinazzjoni tal-post ta' residenza tista' tkun diffiċli

Il-post ta' residenza ta' persuna jista' jkun partikolarment diffiċli li jiġi ddeterminat f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet:

a) fil-każ ta' persuni li huma mobbli ħafna li jiċċaqilqu ta' spiss minn Stat Membru għal ieħor jew li simultanjament jgħixu f'żewġ Stati Membri differenti jew aktar (= kunflitt pożittiv bejn aktar minn post wieħed possibbli ta' residenza) u

b) fil-każ ta' persuni li jgħixu f'kondizzjonijiet xi ftit jew wisq instabbli bħal f'akkomodazzjoni kemm wieħed jiddobba, sptar, dar tal-istudenti jew ħabs,, li jitsgħu jqisuha bħala sitwazzjoni temporanja biss, iżda li ma għandhomx residenza abitwali jew indirizz permanenti x'imkien ieħor (kunflitt negattiv f'każ ta' ebda residenza abitwali ovvja).

L-**eżempji** li ġejjin huma intiżi biss biex jipprovdu gwida u aktar spjegazzjoni f'xi sitwazzjonijiet issimplifikati. Ma jeżonorawx lill-istituzzjoni kkonċernata milli tivvaluta kull każ individwali skont il-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tiegħu.

L-eżempji għandhom l-għan li jiġbdu l-attenzjoni għal ċerti karatteristiċi speċifiċi li jistgħu jkunu komuni għal ħafna każijiet, minkejja li l-biċċa l-kbira tal-każijiet tal-ħajja reali jinkludu fihom aktar minn karatteristika speċifika waħda, u li jindikaw ukoll kif dawn il-karatteristiċi speċifiċi għandhom jitqiesu għal dik li hija residenza. L-eżempji, iżda, ma jivvalutawx liema leġiżlazzjoni ta' pajjiż hija applikabbli f'sitwazzjoni speċifika u ma jaslux għal xi konklużjoni, jew liema pajjiż huwa responsabbli għall-benefiċċji.

Juru b'liema raġunament wieħed jista' jasal għal soluzzjoni speċifika bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli, iżda ma jeskludux minn qabel li valutazzjoni ġenerali tal-fatti u taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tista' twassal għal riżultat differenti meta dan jiġi kkaġunat mill--aspetti addizzjonali jew differenti tal-każ. Huwa importanti wkoll li jiġi nnutat li l-eżempji jiddeskrivu sitwazzjoni f'mument speċifiku u li l-valutazzjoni ta' residenza tista' tkun differenti jekk is-sitwazzjoni tissokta għal perjodu itwal jew jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu biż-żmien.

Social Europe

4.1. Ħaddiem tal-fruntiera

Is-sur A huwa ċittadin Belġjan li jgħix ma' martu u żewġ ulied fil-Belġju. Huwa jaħdem fi Franza fejn kera appartament. Regolarment imur lura d-dar fi tmiem il-ġimgħa.

Valutazzjoni
Is-sur A jgħaddi l-parti kbira ta' ħinu fi Franza. Dan huwa wkoll il-post fejn jinsab l-impjieg stabbli tiegħu u fejn abitwalment iwettaq attività ekonomika. Mill-banda l-oħra, is-sitwazzjoni tiegħu fejn tikkonċerna lil daru u lil familtu turi biċ-ċar li ċ-ċentru tal-interess tiegħu jibqa' fil-Belġju. Huwa jżomm rabtiet mill-qrib ma' familtu u mad-dar ta' familtu fejn regolarment jirritorna fi tmiem il-ġimgħa. Dan juri li fi Franza beħsiebu joqgħod biss għal ċertu żmien u sa fejn huwa meħtieġ minħabba l-impjieg tiegħu.

Konklużjoni
Billi s-sur A għandu l-intenzjoni li joqgħod fi Franza b'mod temporanju biss u billi jżomm rabtiet mill-qrib tul dan iż-żmien ma' familtu fil-Belġju, iċ-ċentru ewlieni tal-interess tiegħu u għaldaqstant il-post ta' residenza abitwali tiegħu għadhom fil-Belġju. Is-sur A huwa ħaddiem tal-fruntiera tipiku fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(f) tar-Regolament 883/2004.[56]

4.2. Ħaddiema staġjonali

Is-sur B huwa student Pollakk li jaħdem bħala wejter f'lukanda fi stazzjon tal-iskijjar fl-Awstrija mill-Milied sa April. F'dan il-perjodu jorqod f'kamra żgħira fil-lukanda fejn huwa impjegat. Wara dan il-perjodu jixtieq jirritorna lura lejn il-Polonja fid-dar tal-ġenituri.

Valutazzjoni
Għall-kuntrarju tal-eżempju ta' qabel, is-sur B ma jirritornax regolarment f'pajjiżu matul l-impjieg staġjonali tiegħu. Iżda s-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni tiegħu fl-Awstrija turi biċ-ċar li ma għandu ebda intenzjoni li jgħix hemm b'mod permanenti. Fl-Awstrija joqgħod biss minħabba xogħlu. Ma għandu ebda impjieg permanenti stabbli, iżda biss kuntratt tax-xogħol għal perjodu limitat. Barra minn hekk l-intenzjoni tiegħu li jirritorna lejn pajjiżu wara li jintemmlu l-impjieg tiegħu, sostnuta miċ-ċirkostanzi fattwali tal-akkomodazzjoni tiegħu u tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, turi li dejjem żamm ir-residenza abitwali tiegħu fil-Polonja.

Konklużjoni
Bħal ħafna ħaddiema staġjonali s-Sur B joqgħod biss temporanjament fil-pajjiż tal-impjieg tiegħu u għalhekk ir-residenza tiegħu matul l-impjieg staġjonali tibqa' fil-pajjiż tiegħu tal-oriġini.

4.3. Ħaddiema stazzjonati (A)

Is-sur C jgħix ma' familtu fi Franza. Jiġi stazzjonat għal sentejn minn min jimpjegah fil-Belġju. Matul il-btala jmur lura Franza biex jara lil familtu. Skont il-ftehim fiskali bejn Franza u l-Belġju huwa jħallas it-taxxa Franċiża għall-ewwel perjodu ta' sitt xhur biss ġewwa Franza u wara dan il-perjodu fil-Belġju. Wara li jintemm l-impjieg tiegħu fil-Belġju beħsiebu jirritorna lejn id-dar ta' familtu fi Franza.

Valutazzjoni
L-istazzjonar huwa limitat fiż-żmien u għalhekk min-natura tiegħu stess huwa temporanju. Anke l-fatt li l-familja tas-sur C tibqa' tgħix fi Franza matul il-perjodu ta'

[56] Il-każ 76/76 *Di Paolo* [1977] ECR 315, il-paragrafi 17 sa 20.

stazzjonar huwa indikazzjoni li huwa jżomm ir-residenza abitwali tiegħu fil-pajjiż tal-oriġini matul il-perjodu ta' stazzjonar.
Dan mhux affettwat mill-fatt li l-ftehimiet fiskali normalment jistipulaw li t-taxxi jitħallsu fil-pajjiż tal-oriġini għall-perjodu tal-ewwel sitt xhur biss tal-istazzjonar u fil-pajjiż tal-impjieg wara dak il-perjodu.

Konklużjoni
Is-sur C jibqa' residenti fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu (Franza) anke matul il-perjodu ta' stazzjonament tiegħu.

4.4. Ħaddiema stazzjonati (B)

Is-sur D jgħix mal-familja fi Franza. Jiġi stazzjonat minn min iħaddmu għal sentejn fil-Belġju. Huwa jikri d-dar tiegħu fi Franza lil familja oħra u jmur jgħix mal-familja tiegħu fil-post il-ġdid fejn jaħdem fil-Belġju.

Valutazzjoni
Għall-kuntrarju tal-eżempju ta' qabel, is-sur D jieħu l-familja miegħu fil-pajjiż il-ġdid tal-impjieg tiegħu matul il-perjodu ta' stazzjonar. Peress li kera d-dar tiegħu fi Franza lil familja oħra mhux se jirritorna hemm fuq bażi regolari.

Konklużjoni
Kemm is-sitwazzjoni tal-familja tas-sur D kif ukoll is-sitwazzjoni tal-impjieg tiegħu juru li huwa effettivament sposta ċ-ċentru tal-interess tiegħu lejn il-Belġju u għalhekk jirrisjedi hemm matul il-perjodu ta' stazzjonar.

4.5. Studenti (A)

Is-sur E huwa student. Il-ġenituri tiegħu jgħixu fil-Belġju, iżda jsegwi l-istudji tiegħu f'Pariġi fejn jikri appartament żgħir. Il-ġenituri jħallsulu l-istudji tiegħu. Fi tmiem il-ġimgħa huwa jmur lura fid-dar tal-ġenituri.

Valutazzjoni
L-istudji tas-sur E jikkostitwixxu attività mingħajr ħlas li huwa wieħed mill-elementi elenkati fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament 987/2009. Min-naħa l-oħra, l-istudji tiegħu huma ffinanzjati mill-ġenituri u għadu jiddependi fuqhom. Fil-każ tal-istudenti, is-sors tad-dħul tagħhom ġie inkluż bl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 bħala kriterju speċifiku li jrid jitqies.

Konklużjoni
Il-fatt li s-sur D regolarment jirritorna għand il-ġenituri tiegħu fi tmiem il-ġimgħa, u li għadu jiddependi mill-ġenituri tiegħu li jiffinanzjawlu wkoll l-istudji tiegħu, hija indikazzjoni qawwija li l-post abitwali ta' residenza tiegħu għadu l-Belġju fejn jgħixu l-ġenituri.

4.6. Studenti (B)

Is-sur F huwa student. Il-ġenituri tiegħu jgħixu fil-Belġju, iżda huwa jsegwi l-istudji kollha tiegħu fi Franza fejn kera appartament żgħir. Huwa intitolat għal borża ta' studju minn Franza li tkopri l-ispejjeż tiegħu kollha. Iqatta' l-biċċa l-kbira tas-Sibtijiet u l-Ħdud tiegħu ma' sħabu.

Valutazzjoni
F'din is-sitwazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-elementi elenkati fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament 987/2009 (attivitajiet bla ħlas, sors ta' dħul, sitwazzjoni ta' akkomodazzjoni) juru li wieħed jista' jassumi li s-sur F sposta ċ-ċentru tal-interess tiegħu fi Franza.

Social Europe

Konklużjoni
Billi s-sur F jaqla' ħobżu fi Franza u jgħix hemm b'mod indipendenti, jista' jitqies li jirrisjedi hemm.

4.7. Pensjonanti (A)

Is-sur G huwa pensjonant Ġermaniż. Fil-Ġermanja huwa sid ta' dar bil-ġnien. Huwa qatta' l-biċċa l-kbira tal-btaliet tiegħu fi Spanja mal-mara. Wara li rtira huma xtraw appartament żgħir f'post tal-btala tas-sajf fi Spanja, fejn kienu qattgħu l-biċċa l-kbira tal-btaliet tagħhom. Issa qed jgħixu nofs is-sena fl-appartament ta' Spanja u n-nofs l-ieħor fid-dar tagħhom fil-Ġermanja.

Valutazzjoni
F'sitwazzjoni bħal din la t-tul ta' żmien u l-kontinwità tal-preżenza fil-Ġermanja jew fi Spanja u lanqas is-sitwazzjoni tal-familja ma jipprovdu tweġiba ċara. Wieħed jista' jqis u jassumi li huwa jisposta l-post tar-residenza tiegħu kull sitt xhur, iżda suppożizzjoni bħal din ta' żewġ postijiet ta' residenza li jalternaw fi spazju ta' sena għandha tiġi evitata.

Il-fatt li s-sur G u l-mara tiegħu għandhom darhom fil-Ġermanja u għandhom biss appartament żgħir fi Spanja, li għandhom nazzjonalità Ġermaniża, li qattgħu l-biċċa l-kbira tal-ħajja attiva tagħhom fil-Ġermanja, u li jirċievu pensjoni Ġermaniża (biss) juri li wieħed jista' jassumi li għandhom ir-rabtiet l-aktar mill-qrib tagħhom, jiġifieri ċ-ċentru ewlieni tal-interessi personali, soċjali u ekonomiċi tagħhom fil-Ġermanja anki matul il-perjodi li jqattgħu fi Spanja.

Konklużjoni
Is-sur G u l-mara tiegħu għandhom ir-residenza tagħhom fil-Ġermanja anke matul il-perjodi li jqattgħu fi Spanja.

4.8. Pensionanti (B)

Is-sur H, li għandu nazzjonalità tar-Renju Unit, jiddeċiedi li issa li hu pensjonant se jgħix fil-Portugall flimkien ma' martu. Jixtri dar il-Portugall, u ma jbigħx daru fir-Renju Unit li fiha issa tgħix il-familja tat-tifla. Huma ma jqisux id-dar tagħhom il-ġdida fil-Portugall bħala r-"residenza" tagħhom u jassumu li r-residenza tagħhom għada fir-Renju Unit.

Valutazzjoni
Għall-kuntrarju tal-każ ta' qabel, is-sur H u martu jqattgħu l-biċċa l-kbira ta' ħinhom fil-Portugall. Għad għandhom dar fir-Renju Unit iżda fiha jgħixu l-familji tat-tfal tagħhom. Għad għandhom rabtiet kulturali u ekonomiċi mar-Renju Unit fejn trabbew, fejn kienu qattgħu l-biċċa l-kbira tal-ħajja attiva tagħhom u minn fejn jirċievu l-pensjoni, iżda jirbaħ il-fatt li darhom issa tinsab fil-Portugall.

Konklużjoni
Minkejja li d-dikjarazzjoni tal-intenzjoni tagħhom turi mod ieħor, is-sur H u martu jridu jitqiesu bħala residenti fil-Portugall.

4.9. Persuni mhux attivi, b'mobbiltà għolja (A)

Is-sur I mhux miżżewweġ u ma għandux xogħol. Biex ifittex impjieg jitlaq mid-dar ta' familtu u jmur jgħix fi Stat Membru ieħor fejn ma għandux indirizz reġistrat u ma għandux impjieg stabbli, iżda jorqod f'appartament ta' ħabib tiegħu. Jipprova jaqla' x'jiekol billi jdoqq fit-toroq u jiġbor il-flus.

Social Europe

Valutazzjoni
Is-sur I ma għandux rabtiet soċjali u ekonomiċi mill-qrib fejn qiegħed jgħix issa. Lanqas ma għandu dar stabbli jew indirizz f'dan il-pajjiż. Għalhekk wieħed jista' jassumi li r-residenza tiegħu għadha fil-post fejn tgħix familtu, li huwa l-iktar element stabbli fis-sitwazzjoni tiegħu.

Konklużjoni
Is-sur I għad għandu r-residenza tiegħu fil-pajjiż tal-oriġini anki meta jkun fi Stat Membru ieħor.

4.10. Persuni mhux attivi, b'mobbiltà għolja (B)

Is-sur J mhux miżżewweġ u bla impjieg. Biex ifittex ix-xogħol itemm il-kuntratt tal-appartament li qed jikri fil-pajjiż ta' oriġini u jmur jgħix fi Stat Membru ieħor u jġorr miegħu ħwejġu kollha. Ma għandux indirizz fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu u jiddikjara li ma għandu ebda intenzjoni li jmur lura.

Valutazzjoni
Is-sur J ma għandu ebda rabtiet soċjali u ekonomiċi mill-qrib mal-Istat Membru fejn qed jgħix issa. Ma għandux lanqas dar stabbli jew indirizz f'dan il-pajjiż. Iżda qata' wkoll kompletament kull rabta mal-pajjiż ta' oriġini u lanqas ma għandu residenza abitwali aktar hemm. Id-dikjrazzjoni tal-intenzjoni hija għalhekk mirfuda miċ-ċirkostanzi tal-fatti.

Konklużjoni
Minkejja li s-sur J jista' jqis li, għax qiegħed fl-appartament ta' ħabib, din hija soluzzjoni "temporanja" biss, il-post ta' residenza abitwali tiegħu jrid jitqies li huwa dan skont it-tifsira tal-Artikolu 1 (j) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, peress li m'hemmx ebda rabta jew konnessjoni mill-qrib ma xi post ieħor u għalhekk ma jistax jitqies li qed jgħix x'imkien ieħor.

Parti IV: Dispożizzjonijiet tranżitorji

2. Hemm xi arranġamenti speċjali fis-seħħ għal persuna li taħdem f'aktar minn Stat Membru wieħed fejn il-leġiżlazzjoni applikabbli diġà ġiet deċiża skont ir-Regolament 1408/71, jew skont ir-Regolament 883/2004 qabel it-28 ta' Ġunju 2012?

L-Artikoli 87 (8) u 87a tar-Regolament 883/2004 jistipulaw li, jekk bħala riżultat tal-introduzzjoni tar-Regolament il-ġdid, persuna tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru minbarra dak diġà determinat skont ir-Regolament 1408/71 jew skont ir-Regolament 883/2004 kif kien applikat qabel it-28 ta' Ġunju 2012, allura d-deċiżjoni preċedenti tkompli tkun applikata jekk is-sitwazzjoni rilevanti tibqa' ma tinbidilx.

L-ewwel rekwiżit għall-applikazzjoni tal-Artikoli 87 (8) u 87a huwa li, bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament 883/2004 jew ir-Regolament 465/2012, persuna tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru minbarra dak diġà ddeterminat skont it-Titolu II tar-Regolament 1408/71[57] jew skont it-Titolu II tar-Regolament 883/2004 qabel it-28 ta' Ġunju 2012.

It-tieni rekwiżit tal-Artikoli 87 (8) u 87a huwa li s-sitwazzjoni rilevanti tibqa' ma tinbidilx.

L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tipprevjeni ħafna bidliet tal-leġiżlazzjoni applikabbli mal-bidla għar-Regolament il-ġdid u li tippermetti "tranżizzjoni faċli" għall-persuna kkonċernata fir-rigward tal-leġiżlazzjoni applikabbli jekk hemm diskrepanza bejn il-leġiżlazzjoni applikabbli (l-Istat Membru kompetenti) skont ir-Regolament 1408/71 jew it-test ta' qabel tar-Regolament 883/2004 u l-leġiżlazzjoni applikabbli skont ir-regoli emendati tar-Regolament 883/2004.

Id-diskussjoni fi ħdan il-Kummissjoni Amministrattiva wriet li jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli sempliċi li jkunu applikati b'mod koerenti mill-istituzzjonijiet kollha magħżulin sabiex il-kriterji użati jitqiesu bħala ġusti, jistgħu jitħaddmu u huma trasparenti.

Skont ir-Regolament 1408/71, l-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru kompetenti għandha toħroġ ċertifikat lill-persuna kkonċernata li jgħid li hija soġġetta għal-leġiżlazzjoni tiegħu (Artikolu 12a tar-Regolament 574/72[58]). Skont ir-Regolament 883/2004, l-istituzzjoni magħżula tal-Istat Membru kompetenti għandha tinforma wkoll lill-persuna kkonċernata u tipprovdi, fuq talba, attestazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli (Artikoli 16 (5) u 19 (2) tar-Regolament 987/2009). Peress li l-Istat Membru kompetenti kif iddeterminat l-aħħar skont ir-Regolament 1408/71 jew ir-Regolament 883/2004 u li ħareġ iċ-ċertifikat dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jivverifika jekk is-sitwazzjoni baqgħetx l-istess wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 883/2004 jew l-emendi sussegwenti tiegħu, **intlaħaq ftehim li:**

- Jekk meħtieġ, l-Istat Membru kompetenti kif stabbilit l-aħħar skont ir-Regolament 1408/71 jew ir-Regolament 883/2004 u li ħareġ iċ-ċertifikat dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli (formola E101, PD A1) għandu jivvaluta jekk is-sitwazzjoni rilevanti baqgħetx l-istess u jipprovdi attestazzjoni

[57] Il-Kummissjoni Amministrattiva qablet li l-Artikolu 87(8) tar-Regolament 883/2004 għandu jkun applikabbli wkoll għall-ħaddiema tad-dgħajjes fir-Rhine li l-leġislazzjoni applikabbli tagħhom qabel kienet iddeterminata skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament 1408/71.

[58] Ir-Regolament (KEE) Nru 574/72 tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1.

Social Europe

ġdida dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli jekk is-sitwazzjoni baqgħet l-istess (Dokument Portabbli A1).

Bidla fis-sitwazzjoni rilevanti tirreferi għas-sitwazzjoni fattwali tal-persuna kkonċernata li kienet deċiżiva għall-aħħar determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli skont ir-Regolament 1408/71. **Għalhekk:**

- Bidla fis-"sitwazzjoni rilevanti" kif imsemmi fl-Artikoli 87 (8) u 87a tar-Regolament 883/2004 tfisser li wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 883/2004 jew l-emendi sussegwenti tiegħu, inbidlet is-sitwazzjoni fattwali rilevanti għad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli skont ir-regoli preċedenti tat-Titolu II tar-Regolament 1408/71 jew ir-Regolament 883/2004, u din il-bidla kienet twassal biex il-persuna tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru differenti minn dak stabbilit l-aħħar skont it-Titolu II tar-Regolament 1408/71 jew ir-Regolament 883/2004.

- Bħala regola, impjieg ġdid, fis-sens ta' bidla tal-impjegatur, it-terminazzjoni ta' wieħed mill-impjiegi jew il-bidla transkonfinali ta' residenza dejjem hija bidla tas-sitwazzjoni rilevanti. F'każijiet fejn hemm differenza fil-fehmiet, l-istituzzjonijiet involuti għandhom ifittxu soluzzjoni komuni.

- L-iskadenza ta' attestazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli (formola E101, Dokument Portabbli A1), mhijiex meqjusa bħala bidla fis-'sitwazzjoni rilevanti.

- Persuna li tixtieq tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li tkun applikabbli skont ir-Regolament 883/2004 fil-verżjoni emendata għandha tressaq applikazzjoni skont l-Artikolu 87 (8) jew 87a ta' dan ir-Regolament lill-istituzzjoni maħtura f'dak l-Istat Membru jew lill-istituzzjoni maħtura tal-Istat Membru tar-residenza jekk hija tkun qed twettaq attività f'żewġ Stati Membri jew aktar.

  Eżempju 1:

  Mill-1.1.2010 persuna residenti fi Franza teżerċita attività ta' impjieg għal impjegatur wieħed fi Franza u fi Spanja fejn jinsab stabbilit l-impjegatur. Fi Franza, hija teżerċita 15% biss tal-attività. Franza hija l-Istat Membru kompetenti skont l-Artikolu 14 (2)(b)(i) tar-Regolament 1408/71, iżda mhux skont l-Artikolu 13 (1)(a) tar-Regolament 883/2004. Dan ifisser li l-Artikolu 87 (8) japplika u l-persuna tkompli tkun koperta mil-leġiżlazzjoni Franċiża wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 883/2004, sakemm hija ma tagħżilx il-leġiżlazzjoni Spanjola skont l-Artikolu 87 (8) tar-Regolament 883/2004.

  Eżempju 2:

  Bdot residenti l-Ġermanja ilu impjegat mill-2009 ma' linja tal-ajru b'uffiċċju rreġistrat fl-Irlanda. Il-bażi residenzjali tiegħu hija l-Lussemburgu. Skont ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71, ma kienx prinċipalment impjegat il-Ġermanja u għaldaqstant l-Irlanda kienet l-Istat Membru kompetenti. Madankollu, wettaq parti sostanzjali mill-attività professjonali tiegħu fil-Ġermanja skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 wara l-1 ta' Mejju 2010. Minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 87(8) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, il-bdot jista' jibqa' kopert mil-leġiżlazzjoni kif ġie ddeterminat l-aħħar skont it-Titolu II tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 (jiġifieri mil-leġiżlazzjoni tal-Irlanda).

Minħabba l-Artikolu 87a tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, jista' jibqa' kopert mil-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Irlanda sas-27 ta' Ġunju 2022[59], jekk is-sitwazzjoni rilevanti tiegħu tibqa' l-istess, għad li l-bażi residenzjali tiegħu tinsab fil-Lussemburgu.

Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 applikaw fir-rigward tal-Isvizzera mill-1 ta' April 2012 u fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja mill-1 ta' Ġunju 2012. Peress li l-perjodu tranżitorju huwa klawżola ta' protezzjoni u jevita bidliet fil-leġiżlazzjoni applikabbli fid-data tal-bidla għar-regoli l-ġodda fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli, b'analoġija l-Artikolu 87 għandu jiġi applikat għall-perjodu sħiħ ta' 10 snin. Dan ifisser li l-perjodu tranżitorju ta' 10 snin ser jiskadi, fir-rigward tal-Isvizzera, fil-31 ta' Marzu 2022 u, fir-rigward tal-Islanda, tal-Liechtenstein u tan-Norveġja, fil-31 ta' Mejju 2022.

L-emendi introdotti mir-Regolament 465/2012, pereżempju l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "bażi residenzjali" bħala l-element deċiżiv għad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina, huma applikabbli fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja mit-2 ta' Frar 2013.

Għal ċittadini minn pajjiżi terzi, ir-Regolament 1231/2010 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 u minħabba dan, il-perjodu tranżitorju fl-Artikolu 87(8) tar-Regolament 883/2004 għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020 u l-perjodu fl-Artikolu 87a fis-27 ta' Ġunju 2022.

3. Mil-liema data se tibda tapplika l-leġiżlazzjoni applikabbli f'każ ta' persuna, soġġetta għal arranġamenti tranżitorji, li titlob sabiex tiġi vvalutata skont ir-regoli l-ġodda tar-Regolament 883/2004?

Kif diġà indikat, persuna li l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha kienet iddeterminata skont ir-Regolament 1408/71, jew skont ir-Regolament 883/2004 qabel it-28 ta' Ġunju 2012, tista' titlob biex tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni li hija applikabbli skont it-test emendat tar-Regolament 883/2004. Dwar it-tranżizzjoni mir-Regolament 1408/71 għar-Regolament 883/2004, jekk il-persuna tkun għamlet it-talba tagħha sal-31 ta' Lulju 2010 allura l-bidla fil-leġiżlazzjoni applikabbli għandu jkollha effett mill-1 ta' Mejju 2010, i.e. id-data minn meta r-Regolamenti l-ġodda saru applikabbli. Meta talba tkun waslet wara l-31 ta' Lulju 2010, i.e. aktar minn tliet xhur wara li r-Regolamenti l-ġodda saru applikabbli, kwalunkwe deċiżjoni meħuda jkollha effett mill-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih saret l-applikazzjoni.

Dwar it-tranżizzjoni mir-Regolament 883/2004 għar-Regolament emendatorju 465/2012, it-talbiet ippreżentati sad-29 ta' Settembru 2012 għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2012. It-talbiet ippreżentati wara d-29 ta' Settembru 2012 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara dak tal-preżentazzjoni tagħhom.

[59] 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru465/2012.